Vol 30
Nru 166
Ottubru - Diċembru 2009

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM



BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha



DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€ 10 fis-sena
€ 15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031



STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.



Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2009



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


# Werrej




5





25





33



37


5 Meta għebet l-Istilla - Betleħem

12 Pawlu ta’ Tarsu (7)

25 F’relazzjoni Ħajja ma’ Kristu Ġesù

28 Ħarsa lejn il-Vanġeli Sinottiċi

33 It-Tabib Luqa u Ġesù

37 Il-Konverżjoni ta’ San Pawl

41 Il-Misterju tat-Trinita (5)




41

# Editorjal

ta’ P. Twanny Chircop ofm



## LAQGĦA TAL-KUMMISSARJI F’RODI

Il-Kummissarji ta’ l-Art Imqaddsa ta’ l-Italja, Svizzera, Malta, Polonja, Slovenja, Slovakkia, Kroazja u Bosnia-Herzegovina ltaqgħu bejn is-6 u l-11 ta’ Ottubru fil-gżira ta’ Rodi għall-kungress annwali tagħhom. Jiena kont preżenti flimkien ma’ Fra Lorrie Zerafa biex nirrappreżenta l-Kummissarjat ta’ Malta. Konna mistiedna specjali tal-Kustodja Franġiskana ta’ l-Art Imqaddsa, li fil-gżira ta’ Rodi hi rrappreżentata minn Patri John Luke Gregory, Franġiskan Ingliż minn Sheffield, li jaqdi l-komunità Kattolika tal-gżejjer ta’ Rodi u Kos. Patri John Luke hu responsabbli minn żewġ knejjes f’Rodi, jiġifieri l-Knisja ta’ Santa Maria della Vittoria u l-Knisja ta’ San Franġisk. Hu jaqdi wkoll il-Kattolici tal-gżira vicina ta’ Kos. Patri Giorgio Vigna, Kummissarju tal-Piemonte u Val D’Aosta, li jikkordina dawn il-laqgħat, spjega li l-iskop ta’ dan il-kungress annwali tal-Kummissarji hu wkoll dak li jagħtu kuraġġ lill-missjunarji Franġiskani tal-Kustodja ta’ l-Art Imqaddsa, specjalment lil dawk li, bħal Patri John Luke, jaħdmu waħedhom fil-periferija tal-Kustodja. Patri John Luke hu l-uniku sacerdot Kattoliku fuq il-gżira ta’ Rodi, fejn il-maġġoranza hi Griega Ortodossa. Hu ilu jaħdem f’Rodi mill-2004.

Il-kelliem ewlieni matul il-laqgħa kien Patri Fréderic Manns ofm, professur ta’ l-Iskrittura fli “Studium Biblicum Franciscanum” ta’ Ġerusalemm. Patri Manns tkellem dwar it-tema tal-preżenza ta’ San Pawl f’Ġerusalemm, fl-okkażjoni tas-sena ddedikata lil San Pawl. Patri Manns hu espert tal-Ġudaiżmu u ppubblika wkoll ktieb dwar l-oriġini Lhud ta’ Sawlu

*...editorjal*

*Laqgħa tal-Kummissarji f'Rodi*



ta' Tarsu u l-importanza tal-formazzjoni biblika u rabbinka li l-Appostlu rċieva f'Ġerusalemm f'riġlejn Rabbi Gamaljel. Patri Manns tkellem ukoll dwar l-importanza tas-siti arkeoloġici fit-Turkija li huma marbutin mal-vjaġġi missjunarji ta' San Pawl. Hu regolarment jakkumpanja pellegrini u studenti fuq vjaġġi lejn il-postijiet marbutin ma' San Pawl fit-Turkija u fil-Grecja, li kienu ċentri kbar ta' l-Imperu Ruman u li San Pawl kien evanġelizzahom, bħalma kienu Efesu, Tessalonika, Ateni u Korintu. Bħala riżultat dirett tal-konferenzi ta' Patri Manns aħna l-Kummissarji ddecidejna li l-laqgħa tas-sena d-dieħla, 2010, tkun ddedikata lil pellegrinaġġ li aħna nagħmlu fit-Turkija fuq is-siti marbutin mal-preżenza ta' San Pawl.

Aħna l-Kummissarji ltqajna wkoll mal-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, Patri Pierbattista Pizzaballa ofm, li ta' kull sena jkun preżenti għal dan l-appuntament annwali mal-grupp tal-Kummissarji ta' lingwa Taljana, kif ukoll jattendi laqgħat simili minn gruppi oħrajn lingwistiċi ta' Kummissarji.

Il-Kummissarji wkoll marru jduru l-gżira storika ta' Rodi, li mill-1310 sa l-1522 kienet fortizza ta' l-Ordni Sovran Militari Ospedalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Rodi, u Malta. Il-Kavallieri ta' San Ġwann, kif nafuhom popolarment, kellhom iħallu l-gżira ta' Rodi, imkeċċijin mis-sultan Selim fl-1522, sakemm waslu f'Malta fl-1530. F'Rodi l-Kavallieri kienu jqimu ikona antika tal-Verġni Marija fis-santwarju ta' Filermos. Huma ġarrew din l-ikona prezzjuża magħhom f'Malta, fejn kienet ivvenerata fil-kappella tas-sagrament tal-Konkattidral ta' San Ġwann sa l-1798, meta mbagħad il-Kavallieri ħaduha magħhom meta ħallew gżiritna.

Il-Kummissarji żaru wkoll il-bajja pittoreska ta' Lindos fuq il-kosta tax-xlokk ta' Rodi. Din il-bajja hi marbuta mal-vjaġġ li San Pawl kien għamel fi triqtu lejn Ruma. L-Appostlu kien għadda wkoll minn Rodi hu u jirritorna mit-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu.

Naturalment għalina f'Malta ċ-ċelebrazzjonijiet tas-sena ddedikata lil San Pawl se jkomplu wkoll fl-2010, meta niċċelebraw l-1950 anniversarju mill-wasla ta' l-Appostlu tal-ġnus fi gżiritna.

Fuq is-sit Terrasanta. net dehret intervista li saret lill-Arcisqof Pawlu Cremona dwar iż-żjara tal-Papa Benedittu XVI biex jikkomemora dan l-anniversarju. Fost affarijiet oħrajn l-Arcisqof semma' l-ħidma tal-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa u qal li kellu esperjenza li refgħetu fl-ispirtu meta, għal darbtejn, ħa sehem f'pellegrinaġġi djocesani li saru s-sena li għaddiet u din is-sena lejn l-Art Imqaddsa. Kliem li jimlina bil-kuraġġ u li juru l-apprezzament ta' l-Arcisqof għas-servizz li l-Kummissarjat jipprova joffri lill-Knisja f'Malta.

# META GĦABET L-ISTILLA TAL-FIDDA FL-GĦAR TA' BETLEĦEM (1847)



*Noel Muscat OFM*

L-istorja ta' l-Art Imqaddsa hi marbuta ħaġa waħda ma' l-istorja ta' l-Ewropa Kristjana. Għalkemm ir-Rivoluzzjoni Franċiża tat daqqa ta' giljottina lill-karattru Kristjan tal-kultura Ewropea, li saret waħda lajka jekk mhux ukoll anti-klerikali, b'effetti li għadna nħossuhom sallum, l-istorja tas-sekli ta' qabel kienet waħda ta' rabta intima bejn il-patrijiet Franġiskani fl-Art Imqaddsa u l-mexxejja politiċi tan-nazzjonijiet Kattoliċi ta' l-Ewropa,



partikolarment il-monarkiji ta' Spanja u l-Portugal, il-monarkija u mbagħad repubblika ta' Franza, il-monarkija tal-Belġju, il-monarkija ta' Napli u Sqallija, il-fewdu ta' l-istess renju li kienu jżommu l-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, u r-repubbliki ta' Genova u Venezia. Għidna kemm-il darba li ċ-Ċenaklu nxtara għall-Franġiskani mirre Roberto d'Anjou ta' Napli fl-1335. Dawn il-qawwiet politiċi kienu strumentali biex għenu lill-Franġiskani jżommu posthom fl-Art Imqaddsa, fi żmien meta kienu mheddin minn diversi perikli, fosthom l-inkursjoni Musulmana ta' l-Imperu Tork-Ottoman, li ħakem il-Palestina għal 400 sena sħaħ (1517-1917).

L-Imperu Ottoman kellu ċ-ċentru tiegħu fil-belt ta' Kostantinopli (illum Istanbul). Malli t-Torok kienu ħakmu l-Palestina, is-sultan Mehmet II iddikjara li huma jagħrfu bħala rappreżentant uffiċjali tal-Kristjani fil-Palestina lill-Knisja Griega Ortodossa, li għandha l-Patrijarka Ekumeniku tagħha residenti f'Kostantinopli. Dan kien ifisser li, għall-Franġiskani u għall-Knisja Kattolika (jew Latina) beda żmien iebes, u għaldaqstant il-Franġiskani kienu spiss jirrikorru għall-ambaxxaturi tal-pajjiżi Ewropej quddiem is-«Sublime Porta» ta' Kostantinopli, biex jaqbżu għad-drittijiet tal-Kattoliċi kontra l-inkursjoni tal-Griegi Ortodossi, li sabu appoġġ doppjament, l-ewwelnett għax kienu ċittadini ta' l-Imperu Ottoman, u t-tieni għax maż-żmien ġew protetti mill-Imperu taz-Tzar tar-Russja, f'Moska. Hu f'dan id-dawl li rridu naraw issa l-iżviluppi xejn sbieħ għall-Franġiskani fl-Art Imqaddsa matul is-seklu 19.

## Il-misteru ta' l-istilla ta' l-Għar ta' Betleħem

It-Torok Ottomani kienu bdew il-ħakma tagħhom fil-Palestina b'intenzjonijiet tajbin. Kien Suleiman il-Manjifiku li fl-1539-1542 reġa' bena s-swar ta' madwar Ġerusalemm li għadna ngawduhom sallum. Imma mbagħad l-Imperu Tork Ottoman malajr waqa' f'dekadenza u korruzzjoni kbira, hekk li l-uniku skop tagħhom kien li jisfruttaw u

jisolħu r-reġjun kollu tal-Palestina, li ħallewha fil-miżerja. Il-belt ta' Betleħem kienet, għal 400 sena sħaħ, vittma tal-gvern korrott tat-Torok Ottomani, li parti sostanzjali mill-inġustizzji li ġab kienet il-firda dejjem aktar kerha bejn il-Latini, jew Kattoliċi, rappreżentati mill-Franġiskani, u l-knejjes Orjentali l-oħrajn, l-aktar il-knisja Griega Ortodossa u l-knisja Armena Ortodossa. Il-ġlieda kienet iċċentrata fuq min kellu dritt li jiddikjara bħala proprjetà tiegħu l-Bażilika tan-Natività.

Sa mill-1347, il-Patrijiet Franġiskani kienu akkwistaw il-permess li juffiċjaw u jgħixu maġenb il-Bażilika u tal-Grotta tan-Natività. Patri Gerardo Calveti, Gwardjan ta' l-Għolja ta' Sijon, kien għamel vjaġġ fl-Ewropa lejn tmiem is-seklu 14, biex iħeġġeġ lill-prinċpijiet Kristjani jgħinu b'offerti fir-restawr ta' dan is-santwarju hekk importanti għall-kristjanità. Fl-1479 il-Gwardjan Patri Giovanni Tomacelli kien ikkonvinċa lir-re Philippe (Filippo il Buono) ta' Borgogne, u lir-re Edward IV ta' l-Ingilterra, biex iħallsu minn buthom ir-restawr tas-saqaf tal-Bażilika. Dawn il-fatti kollha, ikkonfermati minn firmani mogħtijin mis-slaten Mamelukki, jikkonfermaw id-drittijiet li kienu ġew akkwistati mil-Latini, li kienu diġà preżenti fil-Bażilika fi żmien il-Kruċjati permezz tal-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin li kienu juffiċjaw dan il-post qaddis. Wara li Saladin kien okkupa l-Art Imqaddsa u keċċa lill-Kruċjati minn Betleħem u Ġerusalemm fl-1187, il-Franġiskani kienu daħlu biex jimlew il-vojt li kien tħalla fi żminijiet meta l-Bażilika tan-Natività kienet tkun magħluqa mill-awtoritajiet Musulmani. Mis-seklu 16, iżda, jiġifieri minn meta t-Torok Ottomani akkwistaw il-gvern tal-Palestina, l-affarijiet bdew jinbidlu għall-Franġiskani. Il-monaċi Griegi Ortodossi bdew jippretendu li, billi huma kienu sudditi ta' l-Imperu Tork Ottoman, kellhom jingħataw lilhom id-drittijiet ta' akkwist tal-Postijiet Qaddisa u ta' l-uffiċjatura liturġika tagħhom. Beda żmien iebes li fih is-santwarji, u l-aktar il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u l-Bażilika ta' Betleħem, bdew jgħaddu minn id għal oħra skont kemm kull parti kien jirnexxilha tħallas lis-«Sublime Porta» li kienet tqis lilha nnifisha bħala proprjetarja assoluta tas-santwarji Kristjani fl-Art Imqaddsa.

Fl-1537 Suleiman II, li kien jinsab fi gwerra kontra r-repubblika marittima ta' Genova li kienet qerditlu l-flotta, bħala tpattija ta' dan l-għemil ta' gwerra, qabad il-Franġiskani ta' Ġerusalemm u ta' Betleħem u qafilhom il-ħabs fit-Torri ta' David (Ċittadella) ta' Ġerusalemm, u mbagħad bagħathom Damasku, fejn żammhom maqfulin għal tliet snin. Fl-1551 it-Torok Ottomani keċċew lill-Franġiskani definittivament miċ-Ċenaklu, l-ewwel kunvent tal-Kustodja Franġiskana, u dawn kellhom iwaqqfu ċ-ċentru fil-kunvent ta' San Salvatur, fejn għadu sallum jgħix il-Patri Kustodju ta' l-Art Imqaddsa.

Fl-1669 it-Torok Ottomani rnexxielhom jagħmlu rebħa fuq il-qawwiet tas-Serenissima repubblika ta' Venezia, u għall-Franġiskani fl-Art Imqaddsa beda żmien iebes tassew. Fil-fatt is-«Sublime Porta» awtorizzat lill-Griegi Ortodossi biex jieħdu huma f'idejhom il-pussess tal-Grotta tan-Natività. Wara ħafna trattattivi u flejjes kbar li ħallsu l-prinċpijiet Kristjani, il-Franġiskani rnexxielhom jerġgħu jakkwistaw il-Grotta f'idejhom fl-1690.

Fl-1717 il-Franġiskani waħħlu fuq il-post fejn it-tradizzjoni timmarka t-twelid ta' Ġesù stilla tal-fidda, biex tieħu post stilla aktar qadima. Din l-istilla tal-fidda, li kien fiha (kif għad fiha sallum) erbatax-il ponta, simbolu ta' l-erbatax-il nisel ta' Ġesù, iġġib il-kliem Latini

«Hic de Virgine Maria Jesus Christus natus est. 1717» (Hawnhekk, mill-Verġni Marija, Ġesù Kristu ġie mwieled. 1717). Din l-istilla kienet l-akbar prova tal-fatt li l-altar tan-Nativitá kien proprjetà esklusiva tal-Franġiskani u li kellhom id-dritt li juffiċjaw fuqu. Rajna f'artikli passati kif, fis-sena 1757 il-Griegi Ortodossi rnexxielhom jaħtfu diversi santwarji minn idejn il-Franġiskani wara l-inkwiet li qam fil-lejl ta' Ħadd il-Palm ta' dik is-sena. Fost dawn is-santwarji l-Griegi ħatfu taħt idejhom diversi partijiet tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, il-kripta tal-Qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat, u l-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem, bl-altar tan-Nativitá fil-Grotta ta' l-istess Bażilika. Il-Franġiskani tħallew juffiċjaw biss fir-rokna ta' l-Għar li fiha hemm il-Maxtura u l-altar ta' l-Adorazzjoni tal-Maġi. Għall-Franġiskani l-affarijiet baqgħu sejrin għall-agħar, l-aktar bħala effett tar-Rivoluzzjoni Franċiża, u tas-sistemi ta' gvern lajċi li ħakmu l-Ewropa matul is-seklu 19. Fejn qabel il-prinċpijiet Kristjani ta' l-Ewropa kienu dejjem jgħinu lill-Franġiskani biex jerġgħu jakkwistaw is-Santwarji meħudin minn taħt idejhom, ukoll billi jerġgħu jixtruhom lura b'somom kbar ta' flus, matul is-seklu 19 din l-għajnuna nixfet għal kollox minħabba l-indifferenza ta' l-istess gvernijiet ta' l-oċċident lejn il-kwestjoni ta' l-Art Imqaddsa. Dan għen biex il-Griegi Ortodossi jakkwistaw u jżommu bħala proprjetà bosta postijiet qaddisa li qabel kienu juffiċjawhom il-Franġiskani. Dan kienu jagħmluh quddiem l-awtoritajiet Ottomani wkoll billi jiffalsifikaw firmani li kienu jippreżentawhom bħala eqdem minn dawk akkwistati mill-Franġiskani. It-tensjoni bejn Latini (Franġiskani) u Griegi Ortodossi wasslet għal inkwiet kbir fl-1847, meta f'daqqa waħda sparixxiet minn taħt l-altar tan-



Nativitá l-istilla tal-fidda li hi l-akbar prova tad-drittijiet Latini fuq il-post. Dan il-ġest li ried iħassar kull tifkira Latina fil-Grotta wassal għal tensjoni wkoll fuq livell politiku internazzjonali. Fil-fatt, fl-1852 il-qawwiet Ewropej, l-aktar Franza, Piemonte u l-Ingilterra, alleati mat-Torok Ottomani, daħlu fi gwerra kontra t-Tzar tar-Russja. Il-gwerra kienet dik tal-Crimea. Il-kawża ewlenija ta' din il-gwerra kienet proprju ġejja mill-misteru ta' l-istilla tan-Nativitá li tneħħiet minn postha. Ir-Russja kienet daħlet biex tipproteġi lill-Griegi Ortodossi, kif kienet diġà għamlet fil-kwestjoni tar-restawr tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu wara l-ħruq ta' l-1808.
Wara ħafna protesti mill-gvern Franċiż, li fl-aħħar indaħal biex jaqbeż għad-drittijiet tal-Latini f'Betleħem, it-Torok Ottomani iddeċidew li l-Franġiskani kellhom id-dritt li jwaħħlu mill-ġdid l-istilla f'postha. Saret stilla ġdida tal-fidda, eżatt bħal dik li sparixxiet. Din l-istilla għadna narawha sal-ġurnata tallum taħt ta' l-altar tan-Nativitá, u għadhom jidhru ċari fiha l-kliem Latini u d-data 1717 li tikkonferma d-drittijiet Latini fuq il-Grotta (għalkemm isir minn kollox fit-tindif ta' l-istilla, li dritt tal-Griegi Ortodossi, biex dawn il-kelmiet u data jintfew hekk li jisparixxu għal kollox). L-istilla oriġinali sparixxiet għal kollox u baqa' misteru fejn ittieħdet. Imma ftit qabel l-1949 wieħed ġurnalista Lhudi li kien żar il-monasteru Grieg Ortodoss ta' Mar Saba, qrib Betleħem, kiteb li hu kien ra personalment din l-istilla moħbija f'dan il-monasteru fid-deżert. Tentattivi biex din l-istilla titneħħa saru kemm-il darba, kif għidna, u saħansitra fl-1950 kienu tneħħew l-imsiemer li kienu jżommuha marbuta ma' l-art.
Fil-Grotta tan-Nativitá, fil-fatt, il-Franġiskani rnexxielhom iżommu diversi drittijiet. Huma proprjetarji tat-taraġ tan-naħa tax-xellug ta' l-altar tan-Nativitá, li jinżel mill-kappellun tat-tramuntana tal-Bażilika, usurpat lill-Franġiskani mill-Armeni Ortodossi bejn l-1810 u l-1829. Huma wkoll proprjetarji tal-volta ta' l-Għar, li sofriet ħsarat kbar fit-terremot ta' l-1927, u tal-ħitan tal-ġnub ta' l-Għar, li huma mgħottijin minn dekorazzjoni fl-«amantio», materjal li jirreżisti għan-nirien, don tal-Marixxal Mac Mahon, President tar-Repubblika ta' Franza lill-Grotta wara li l-Għar inħaraq fl-1869, u li fuqu sallum għad hemm evidenti l-istemma Franġiskana u dik ta' l-Art Imqaddsa. Imbagħad, il-Franġiskani huma proprjetarji tal-Maxtura u ta' l-altar ta' l-Adorazzjoni tal-Maġi. Kuljum huma għandhom id-dritt li jinżlu f'purċissjoni fl-Għar tan-Nativitá, u jinċensaw l-istilla tal-fidda, il-Maxtura u l-altar tal-Maġi. Fuq l-altar tal-Maġi huma għandhom dritt li jiċċelebraw żewġ quddisiet kuljum, waħda fil-5 ta' filgħodu u l-oħra wara s-7.30 ta' filgħodu, wara li tintemm id-divina ewkaristija tal-Griegi Ortodossi, li jiċċelebraw fuq l-altar tan-Nativitá, fejn ukoll għandhom dritt jiċċelebraw l-Armeni Ortodossi.
Iċ-ċwievet tal-bieb ewlieni tal-Bażilika tan-Nativitá (il-bieb hekk imsejjaħ «ta' l-umiltà») huma tlieta, waħda għal kull komunitá (Griegi Ortodossi, Latini [Franġiskani], Armeni Ortodossi), imma min għandu d-dritt li jiftaħ u jagħlaq il-bieb hu s-sagristan Grieg Ortodoss, li jrid iżda jiftaħ u jagħlaq mat-tokki tal-qanpiena l-kbira tal-kampnar tal-Knisja Latina ta' Santa Katerina, meta l-Franġiskani jdoqqu l-«Angelus».
Fil-25 ta' April 1873 il-monaċi Griegi Ortodossi wettqu attakk vjolenti ieħor fil-Grotta tan-Nativitá, li fih ferew tmien Franġiskani u farrku kull ma sabu quddiemhom. Bħala reazzjoni għal dan l-attakk vjolenti t-Torok Ottomani

ordnaw li fil-Grotta jkun hemm dejjem gwardja biex jikkontrolla li jkun hemm il-paċi fil-Grotta tan-Nativitá. Imma l-attakki kontra l-Franġiskani ma waqfux, hekk li attakk ieħor sar fl-1928. L-istess ħarsien ta' l-ordni pubbliku permezz tal-pulizija komplew jagħmluh l-Ingliżi meta kellhom il-Mandat fuq il-Palestina bejn l-1917 u l-1947, l-istess għamlet il-Ġordanja meta kienet sovrana fuq Betleħem u l-Palestina sa l-1967, l-istess għamel Israel waqt l-okkupazzjoni sa l-1995 u llum il-ġurnata għad hemm il-pulizija ta' l-Awtorità Palestinjana bl-istess mandat tal-ħarsien ta' l-ordni pubbliku fil-Grotta.

## Id-definizzjoni ta' «Status Quo» fl-1862

Fl-1860, il-Ġeneral Aupick, l-ambaxxatur Franċiż quddiem is-«Sublime Porta», f'isem in-nazzjonijiet Kattoliċi kollha, talab lit-Torok Ottomani biex jerġgħu jirrestawraw id-drittijiet li kienu gawdew il-Franġiskani Latini fl-Art Imqaddsa għal sekli sħaħ, qabel l-1757. Il-gvern Ottoman, li kien bena relazzjonijiet tajbin ma' Franza, u li kien jaf li Franza kienet il-protettriċi l-aktar potenti tad-drittijiet Kattoliċi fl-Art Imqaddsa, kien lest li jreġġa' lura lill-Franġiskani għad-drittijiet li kienu jgawdu qabel l-1757 (il-pussess tal-Bażilika u l-Grotta tan-Nativitá, tal-Qabar tal-Verġni Marija, u tal-postijiet li kienu tilfu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu). Imma ndaħal mill-ewwel it-Tzar tar-Russja Nikola, u ordna lis-sultan Tork biex ma jintroduċi l-ebda bidla fl-istat ta' kif kienu l-affarijiet fl-Art Imqaddsa, taħt piena li jikser ir-relazzjonijiet diplomatiċi li r-Russja kellha ma' l-Imperu Ottoman. It-Turkija kienet issa potenza dgħajfa ħafna u kienet waslet f'xifer iż-



żmien tagħha bħala Imperu, u kellha ċċedi quddiem il-pressjoni tar-Russja. Hekk hi iddikjarat li l-affarijiet fil-postijiet qaddisa ta' l-Art Imqaddsa kellhom jinżammu iffriżati kif kienu fl-1757, b'rispett lejn «Status quo» li ħadd ma kellu jmur kontrih fil-ġejjieni.
Dan kien ifisser li kulħadd jibqa' b'li kellu fl-1757. Is-sena 1862 timmarka ġrajja doloruża fil-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa, għax minn dik is-sena għabet kull tama li l-Kattoliċi xi darba jistgħu jerġgħu jakkwistaw id-drittijiet li kienu gawdew għal sekli sħaħ, bil-ħila ta' sagrifiċċji u tbatijiet mhux indifferenti min-naħa tal-Franġiskani, kustodji uffiċjali tas-santwarji f'isem il-Knisja Kattolika. Kif diġà rajna, il-qawwiet kollha politiċi li ħakmu jew iggvernaw il-Palestina (illum l-Istat ta' Israel u t-Territorji Awtonomi Palestinjani), dejjem irrispettaw din il-liġi ta' «Status quo» biex hekk tinżamm il-paċi bejn il-komunitajiet insara preżenti fl-Art Imqaddsa.
Ta' min jgħid li l-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa, ippreżentata quddiem il-«League of Nations», kienet tinkludi artiklu dwar il-ħtieġa li tinħoloq kummissjoni apposta biex issolvi l-kwestjoni. Fl-4 ta' Ġunju 1922 is-Santa Sede uriet li kellha riservi kbar dwar din il-kummissjoni, u talbet li tinħoloq kummissjoni permanenti iffurmata mill-Konsli residenti fil-Palestina. Fl-1 ta' Awwissu 1922 Lord Balfour ried li tinħoloq kummissjoni plenarja, li jkollha bħala president Amerikan Protestant, u jkollha tliet sottokummissjonijiet, Kristjana, Musulmana u Lhudija. Il-Kristjani jkollhom kummissjoni magħmula minn president Franċiż, flimkien ma' Taljan, Belga, Spanjol, Rumen, Grieg, Armen, Koptu u Abissin. Imma s-Santa Sede oġġezzjonat, għax rat li l-Kattoliċi fil-kummissjoni kienu f'minoranza. Balfour għaldaqstant irtira l-proposta tiegħu, u minn dak iż-żmien baqa' kollox kif kien.





# PAWLU TA' TARSU (7)

## Il-vjaġġ minn Ċesarija lejn Ruma

*Alfio M. Buscemi OFM*

Kienet riesqa l-ħarifa tas-sena 59 jew 60 meta Festus iddeċieda li jibgħat lil Pawlu f'Ruma flimkien maċ-ċenturjun Ġulju u stakkament ta' suldati tal-cohors Sebastena jew Awgusta. Id-data tas-sena 59, aċċettata mill-maġġoranza ta' l-istudjużi, tfisser li dik is-sena l-Yom Kippur (Jum ta' l-Espjazzjoni) ħabat fil-5 ta' Ottubru. Skont Atti 27,9 it-tluq minn Portijiet is-Sbieħ fi

Kreta seħħ wara din id-data, li kienet timmarka t-tmiem ta' l-istaġun tan-navigazzjoni. Dik is-sena l-festa ħabtet kmieni u x'aktarx li ma kienx ikun daqshekk perikoluż li jittantaw jaqsmu l-Mediterran miftuħ. Imma fis-sena 60 il-Yom Kippur ħabat fl-24 ta' Ottubru, u għalhekk jidher li l-periklu ta' tempesti kien ħafna akbar. Għal din ir-raġuni hemm min jaħseb li s-sena 60 hi aktar eżatta għad-data tal-vjaġġ lejn Ruma. Flimkien ma' Pawlu telqu l-kollaboraturi tiegħu Luqa u Aristarku ta' Tessalonika. Il-vjaġġ lejn Ruma hu deskritt b'dettalji mill-aktar ċari u eżatti mill-awtur ta' l-Atti. Ir-rakkont juri li sar minn xi ħadd li kien preżenti għall-ġrajja, bniedem istruwit u li josserva d-dettalji. Fil-fatt diversi studjużi jqisu Atti 27,1-28,15 bħala wieħed mill-aktar dokumenti importanti ta' l-antikità li jiddeskrivu s-sengħa tat-tbaħħir ta' l-era Griega-Rumana, hekk li ta' spiss jagħti l-impressjoni li hu "djarju ta' vjaġġ".

Telgħu fuq ġifen ta' Andramitti, post fl-Asja Minuri 'l isfel minn Troas, illum jismu Karatash. Dan il-ġifen kellu jmur lejn l-Asja prokonsolari. Minn Ċesarija baħħru max-xatt tal-Palestina u l-Feniċja sa ma waslu f'Sidon. Sidon, illum Saida fil-Libanu, kienet waħda mill-eqdem bliet tal-Feniċja. Tissemma, flimkien mal-belt ta' Tir, diġà fis-sena 1345 q.K. Kienet maħkuma mill-Assiri, Babiloniżi u Persjani. Fis-sena 333 q.K. intrebħet minn Alessandru l-Kbir u saret parti mis-saltna tas-Selewċidi. Fis-sena 64 q.K. għaddiet f'idejn ir-Rumani, li għaqqduha mal-Provinċja tas-Sirja. F'Sidon iċ-ċenturjun Ġulju ta permess lil Pawlu biex iżur lill-aħwa Kristjani tal-belt. Iċ-ċenturjun applika l-liġi tal-custodia militaris lil Pawlu, li kienet tippermetti li hu jżur lil ħbiebu fejn imur, dejjem akkumpanjat mis-suldat li jkun marbut miegħu. Luqa jinsisti fuq is-sentimenti nobbli ta' tjieba li biha ċ-ċenturjun kien jitratta lil Pawlu waqt il-vjaġġ.

Minn Sidon komplew triqthom lejn Ċipru, imma ma għaddewx maġenb il-kosta tan-nofsinhar tal-gżira, "għax l-irjieħ kienu kontrina" (Atti 27,4), imma daru mal-penisola tal-Karpasia quddiem il-ponta Andréas u l-gżejjer Kidhes, biex daħlu fil-Baħar taċ-Ċiliċja u tal-Panfilja "għall-irdoss ta' Ċipru". B'hekk waslu fil-port ta' Mira fil-Liċja, illum Derme. Din kienet l-aktar belt importanti tal-Liċja, li kellha tempju lil Apollo. Kellha ssir famuża aktar tard bħala l-belt li fiha kien għex l-isqof San Nikola.

F'Mira bidlu l-ġifen, billi telgħu fuq ġifen minn Lixandra li kien se jaqsam il-Mediterran lejn l-Italja. Minħabba l-irjieħ qawwija komplew ibaħħru mal-kosta tat-Turkija sa ma b'diffikultà waslu Knidos. Skont Erodotus din il-belt inbniet mill-Ispartani u kienet parti mill-Hexapolis tad-Doriċi, fejn kien hemm is-santwarju ta' Apollo Triopaio. Baqgħet famuża għall-istatwa ta' Venere ta' Knidos u għax fiha twieled Sostratos, l-arkitett tal-fanal ta' Lixandra, wieħed mill-meravilji





tad-dinja klassika. Qrib is-sena 129 q.K. ir-Rumani ħakmu lil Knidos u għaqqduha mal-Provinċja imperjali ta' l-Asja. Minn Knidos ġibdu lejn in-nofsinhar, qasmu l-Baħar Eġew u waslu quddiem il-gżira ta' Kreta, li baħħru madwar il-kosta tagħha fil-parti ta' Salmoni, mil-lvant għan-nofsinhar, fejn setgħu jidħlu għall-kenn tal-Portijiet Sbieħ ħdejn il-belt ta' Lasaja (Atti 27,1-8). Ma nafux eżattament fejn kienu jinsabu dawn iż-żewġ postijiet imsemmijin, u ma jidhirx li Portijiet Sbieħ kien, fil-fatt, port kenni, jekk ippruvaw jieħdu l-ġifen biex jgħaddi x-xitwa għall-kenn tal-port ta' Feniċi. X'aktarx li dawn il-postijiet kienu jinsabu qrib ir-raħal ta' Matala, ħdejn Akra Lithinos. Kreta hi l-akbar gżira ta' l-arċipelagu tal-Greċja (8393 km kwadri). Kien fi Kreta li twieldet waħda mill-eqdem ċiviltajiet tal-Mediterran, dik ta' Minos (1700-1450 q.K.). Hi deskritta għas-sbuħija tagħha minn Omero fid-9 seklu q.K. Fis-seklu 11 q.K. inħakmet mid-Doriċi. Ir-Rumani rebħuha fis-sena 66 q.K.

Pawlu, li kien imdorri jivjaġġa bil-baħar u kien espert min-navigazzjoni, ta parir li ma jkomplux fi triqthom lejn Ruma, għax minn Kreta kellhom bilfors joħorġu f'baħar miftuħ sa Sqallija, u "Jum is-Sawm" (Atti 27,9), jiġifieri l-festa ta' l-Espjazzjoni (Yom Kippur) kien għadda. Imma ċ-ċenturjun aktar ta widen għall-kaptan tal-ġifen u għall-pilota milli għal kliem Pawlu. Il-maġġoranza kienu tal-fehma li joħorġu minn dak il-port mhux adatt għax-xitwa, u jbaħħru max-xatt ta' Kreta sa ma jaslu fil-port ta' Feniċi, x'aktarx fejn illum hemm il-port ta' Plakias, li kien miftuħ għal-lbiċ u l-majjistral, u hemm jgħaddu x-xhur tax-xitwa. Malli qam riħ ħafif min-nofsinhar ħarġu minn Portijiet Sbieħ u bdew telgħin lejn il-majjistral mal-kosta ta' Kreta. Imma mill-gżira qam riefnu mill-grigal, imsejjaħ "Euroaquilo". Il-ġifen b'hekk ġie mitfuħ 'il barra fil-baħar miftuħ. L-awtur tad-djarju tal-vjaġġ jikteb: "B'ġirja waħda għaddejna taħt ir-riħ ta'

daqsxejn ta' gżira jisimha Kawda" (Atti 27,16). Din hi gżira ċkejkna lejn in-nofsinhar ta' Kreta, illum jisimha Gavdos. Mitluqin għall-qawwa tar-riħ u tal-mewġ, tilfu kull kontroll fuq il-ġifen. "Bilkemm stajna nżommu d-dgħajsa warajna, u għalhekk tellgħuha mill-baħar. Imbagħad qabdu l-armar u rabtu l-ġifen dawramejt biċ-ċimi, niżżlu l-qlugħ għax beżgħu li ninkaljaw fuq is-Sirti" (Atti 27,17). Fil-fatt, id-direzzjoni tar-riefnu mill-grigal suppost li kellha tixħet il-ġifen lejn l-inħawi tal-kosta taċ-Ċirenajka, fl-Afrika ta' fuq, u lejn il-golf tas-Sirti fil-Libja. Jidher li d-direzzjoni li ħa l-ġifen inbidlet xi ftit, forsi għax ir-riefnu kien x'aktarx grigal il-lvant, li għalhekk ġarr il-ġifen mhux lejn l-Afrika, imma lejn il-punent, fil-baħar miftuħ bejn l-Afrika u Sqallija.

Mitluqin 'il hawn u 'l hinn għall-qilla tal-mewġ, il-baħrin ħasbu biex iħeffu l-ġifen, u waddbu l-baħar il-merkanzija u fit-tielet jum it-tagħmir tal-ġifen. Għal bosta jiem la raw xemx u lanqas kwiekeb, u għalhekk ma kellhom l-ebda indikazzjoni għan-navigazzjoni. Pawlu, iżda, qajjem it-tama ta' sħabu fuq il-ġifen, wara li ċanfarhom talli ma semgħux minnu u telqu minn Kreta. Hu qalilhom li kellu viżjoni ta' Alla li fih kien jemmen, li żżgurah li ħadd ma kien se jintilef, ħlief il-ġifen. U żżied jgħid: "Jeħtieġ, iżda, li naħbtu ma' gżira" (Atti 27,26).

"Meta wasal l-erbatax-il lejl, konna ninsabu mitfugħin 'il hawn u 'l hinn fil-baħar ta' Adrija" (Atti 27,27). L-isem tal-baħar ma jinkludix biss l-Adrijatiku kif nafuh illum (li ħa ismu mill-belt ta' Adria, fl-Italja ta' fuq, ħdejn Venezia), imma ż-żona kollha taċ-ċentru tal-Mediterran bejn Sqallija u l-Afrika ta' fuq, u bejn Kreta u t-Tuneżija. Għar-Rumani dan kien il-baħar fuq ix-xaqliba tal-lvant ta' l-Italja, li kien jifred il-penisola Taljana mill-Balkani, mill-Greċja u mill-Afrika, u li mela kien jinkludi l-Baħar Joniku. Fuq ix-xaqliba tal-punent kien hemm dak li sallum hu magħruf bħala l-Baħar Tirrenu, ċirkoskritt mill-kosta tal-punent tal-penisola Taljana, u l-gżejjer ta' Korsika, Sardinja u l-kosta tat-tramuntana ta' Sqallija. Il-baħrin, qrib nofs il-lejl, ħassew li kienu resqin qrib xi art. Skandaljaw u sabu għoxrin qama (ekwivalenti għal 37 metri). Wara ftit sabu ħmistax-il qama (27 metri). Bdew jibżgħu li l-ġifen se jinkalja fuq xi blat, u għalhekk niżżlu l-ankri biex jagħtu stabilità lill-ġifen. B'intenzjoni qarrieqa, għax riedu jaħarbu bil-għawm, niżżlu d-dgħajsa bl-iskuża li riedu jdendlu xi ankri mill-pruwa. "Iżda Pawlu qal liċ-ċenturjun u lis-suldati: 'Jekk dawn ma jibqgħux fuq il-ġifen, intom ma tistgħux issalvaw'. Imbagħad is-suldati qaċċtu l-ħbula tad-dgħajsa u ħallewha tmur għal riħha" (Atti 27,31-32). Filgħodu kmieni mas-sebħ Pawlu beda jħeġġeġ lill-ekwipaġġ kollu biex jitrejjaq b'xi ħaġa ta' l-ikel, ħalli jieħdu saħħithom. Hu nnifsu radd ħajr lil Alla, qasam il-ħobż u beda jiekol. Il-ġest hu simili għal dak ewkaristiku, ukoll jekk ma jindikax l-ewkaristija, imma l-użanza Lhudija tat-talb ta' barka u l-qsim tal-ħobż qabel l-ikel. Hekk kulħadd għamel il-qalb u bdew jieklu, l-aktar wara li Pawlu reġa' żgurahom li ħadd minnhom ma kien se jitlef ħajtu. Luqa jagħtina n-numru eżatt tal-persuni kollha li kien hemm fuq il-ġifen. Kienu b'kollox 276 persuni, inklużi ċ-ċenturjun u s-suldati, il-priġunieri (fosthom Pawlu), il-kaptan u l-pilota, il-baħrin, u persuni oħrajn li ma nafux min kienu, imma li forsi kienu qed jaqsmu l-baħar bil-merkanzija li kien iġorr il-ġifen. Imma biex iħeffu l-ġifen kellhom iwaddbu l-qamħ kollu fil-baħar. Malli sebaħ raw quddiemhom l-art, imma ma għarfuhiex. "Lemħu biss bajja bi xtajta fiha, u qatgħuha li, jekk jistgħu, jitfgħu l-ġifen fuqha" (Atti 27,39). Liema kienet din ix-xtajta hu diffiċli nkunu nafu. Nistgħu biss nagħmlu konġetturi. Il-ġifen kien

riesaq lejn Malta mil-lvant, u kien qed iġorru l-grigal, li jaħkem bil-qawwa fuq il-kosta kollha tal-gżira li tħares lejn Sqallija, mill-Aħrax tal-Mellieħa sal-ponta taż-Żonqor. Xtajtiet fuq din il-kosta hemm diversi, barra l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett. Mill-ponta ta' l-Aħrax nistgħu ngħoddu dawn il-bajjiet: il-bajja tal-Mellieħa, li hi l-akbar waħda u li fiha ċertament hemm xtajta li tidher sewwa mill-baħar miftuħ. Lejn nofs il-bajja, fi ġranet li fihom ikun hemm mewġ qawwi, jidher li hemm sikka taħt l-ilma ("reef"). Il-bajja ta' San Pawl fiha wkoll xtajta, u minn barra tidher miftuħa sewwa għall-grigal. Il-bajja tas-Salini, li llum ma għandhiex xtajta, forsi kellha dak iż-żmien meta ż-żona ma kinetx żviluppata. Il-kosta mis-Salini sa San Ġiljan hi kollha blat u ftit fiha xtajtiet, ħlief il-bajja ta' Qalet Marku ħdejn il-blat ta' l-Għallis, u l-bajja ta' San Ġorġ u dik ta' San Ġiljan. Mill-Port il-Kbir sal-ponta taż-Żonqor il-kosta tax-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar hi kollha blat u ma hemmx xtajtiet.

Biex nifhmu fejn seta' ħabat il-ġifen ta' Pawlu rridu nkomplu nsegwu l-Atti. "Rħew l-ankri u telquhom il-baħar, u ħallew ukoll l-irbit tat-tmun. Imbagħad tellgħu l-qala' ż-żgħir ta' quddiem għar-riħ u rħewlha lejn ix-xtjata. Iżda ħbatna ma' sikka bejn żewġ kurrenti, u l-baħrin waħħlu l-ġifen fuqha. Il-pruwa baqgħet imwaħħla sewwa fil-post u ma tħarrkitx iżjed, imma l-poppa bdiet titfarrak bil-qilla tal-mewġ" (Atti 27,40-41). L-espressjoni Griega li juża Luqa hi: topos dithalassos; din bil-Malti hi tradotta "sikka bejn żewġ kurrenti". Meta wieħed jeżamina l-istess kosta tat-tramuntana ta' Malta u jipprova jfittex din is-"sikka bejn żewġ kurrenti", ma tantx jasal għal konklużoni faċli. Ċertament l-aktar post indikat, li daħal fit-tradizzjoni Kristjana bħala l-post tan-nawfraġju, hu l-gżira (mhux gżejjer) ta' Selmunett, magħrufa popolarment bħala ta' San Pawl. Il-quċċata tal-gżira fiha statwa ta' San Pawl, skolpita minn Sigismondo u Salvatore Dimech u mqiegħda fil-post minn Salvatore Borg fl-1845. Fil-fatt, Selmunett hi sikka mdaqqsa (1180 metri twila), li nistgħu nsejħulha gżira, toħroġ mill-promontorju ta' Selmun f'direzzjoni tal-grigal fid-daħla tal-bajja ta' San Pawl, u tassew tifred il-kurrenti tal-baħar ta' barra minn dawk ta' ġewwa l-bajja. Fl-istess bajja ta' San Pawl, ħafna aktar qrib l-art, hekk li l-għawma kif deskritta fl-Atti tidher xi ftit esaġerata, hemm is-sikka ta' l-Għasselin, li xi wħud jaċċettawha bħala l-post tan-nawfraġju minħabba assonanzi dubjużi lingwistiċi mal-kelma Griega dithalasson, li bil-Malti inbidlet fil-kelma "ta' l-Għasselin". Post ieħor indikat hu l-ilsien ta' art li joħroġ fil-baħar fid-daħla tal-bajja tas-Salini, fil-post jismu l-Qawra. Għalkemm mhux proprjament sikka maqtugħa mill-art, imma jikkorrispondi ħafna għad-deskrizzjoni, u forsi jista' jkun kredibbli jekk wieħed jaċċetta l-possibilità, mhux storikament ippruvata, li l-fdalijiet Rumani ta' San Pawl Milqgħi, ftit 'il ġewwa mis-Salini, huma s-sit tal-villa ta' Publiju, li laqa' għandu lin-nawfraġi. Ċertament ta' min ifakkar li kien aktar probabbli li Malta kienet abitata f'dawn l-inħawi, milli fl-inħawi tal-Mistra jew tal-bajja tal-Mellieħa, li qatt ma kienu abitati ħafna sa żminijiet reċenti, meta ġew żviluppati għal skopijiet turistiċi. L-aħħar possibilità ta' sikka tista' tkun dik tal-blata ta' l-Għallis, fuq il-kosta quddiem il-Magħtab. Imma hawn ukoll id-distanza sa l-art hi żgħira ħafna u ma hemm l-ebda xtajta, ħlief dik ta' Qalet Marku. Naturalment dan kollu ma jnaqqasx il-valur tat-tradizzjoni Kristjana lokali dwar il-gżira ta' San Pawl, għalkemm ikollna nammettu li ma għandna l-ebda tradizzjoni tal-post eżatt tan-nawfraġju li tmur lura għall-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu f'pajjiżna. Malli ħabtu mas-sikka

l-ġifen beda jitfarrak fin-naħa tal-poppa. Għalkemm is-suldati riedu joqtlu l-priġunieri, biex dawn ma jaħarbux bil-għawm, iċ-ċenturjun mill-ġdid juri ġest ta' kortesija lejn Pawlu, u jordna li kulħadd jilħaq l-art bil-għawm, u li min ma kienx jaf jgħum jagħmel użu minn bċejjeċ imkissra tal-ġifen u twavel. Hekk kulħadd wasal qawwi u sħiħ l-art.

## Pawlu f'Malta

"Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta" (Atti 28,1). Għalkemm illum il-maġġoranza ta' l-istudjuż jaqblu li Malta kienet tassew il-gżira li fiha ġie Pawlu, kien hemm żmien meta l-attribuzzjoni għal Malta kienet dubjuża. Il-kontroversja xegħlet fis-sena 950, meta l-imperatur ta' Biżanzju Kostantinu VII Porphyrogenitus, fl-opra tiegħu De Administrando Imperio, beda jgħid li l-gżira ta' Melita li jsemmi Luqa fl-Atti kienet Meleda, gżira fl-Adrijatiku, illum Mljet, gżira ftit barra minn Dubrovnik (Kroazja). Din it-teżi saret kontroversja li tqajmet bil-kbir wara l-1730 meta ġie ppubblikat studju ta' Ignazio Georgi, abbati Benedittin tal-monasteru ta' Veliko Jezero fuq Meleda li ssostni li r-riefnu li ġarr il-ġifen ta' Pawlu kien ġej mix-xlokk u mhux mill-grigal, u li għalhekk il-ġifen inġarr fil-Baħar Adrijatiku. Imma l-Atti jitkellmu mill-"Euroaquilo", li jikkorrispondi għar-riefnu tipiku tal-grigal-lvant li aħna mdorrijin bih fiċ-ċentru tal-Mediterran. Biex il-ġifen ta' Pawlu jidħol fl-Adrijatiku, r-riefnu kien ikollu x'aktarx ikun min-nofsinhar ix-xlokk, u hu diffiċli nifhmu kif kienu mitfugħin 'il hawn u 'l hemm f'baħar mhux tant wiesa', u li d-daħla għalih hi pjuttost dejqa (Stretti di Otranto).





Atti 28,1-10 jippreżenta l-konklużjoni tal-blokk narrattiv ta' Atti 27,1-28,10. "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard. Mela Pawlu qabad qabda zkuk niexfa u tefagħhom fin-nar. Fiz-zkuk kien hemm lifgħa li, malli ħasset is-sħana, ħarġet u qabdet ma' id Pawlu. In-nies tal-gżira, kif raw il-lifgħa mdendla ma' idu, bdew jgħidu wieħed lil ieħor: "Dan ir-raġel żgur xi qattiel, ghax għad li ħelisha mill-baħar, il-Ġustizzja ma ħallitux jgħix!" Imma hu farfar il-lifgħa ġon-nar u ma ġralu xejn. Huma stennew li se jarawh jintefaħ jew jaqa' u jmut f'daqqa. Wara li damu jistennew ħafna u raw li ma ġralu ebda deni, biddlu l-ħsieb u bdew jgħidu li kien xi alla. F'dawk l-inħawi kien hemm l-oqsma tal-prinċep tal-gżira, li kien jismu Publiju. Dan laqagħna u bil-qalb kollha żammna għandu tlitt ijiem. Missier Publiju inzerta mixħut, marid bid-deni u d-disenterija. Pawlu daħal ħdejh, għamel talba, qiegħed idejh fuqu u fejqu. Wara dan imbagħad bdew ukoll jersqu għandu l-morda l-oħra tal-gżira, u hu fejjaqhom. Urewna ġieħ kbir, u meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-ġifen kull ma konna neħtieġu". Il-kompożizzjoni redazzjonali tas-silta ta' Luqa hi magħmula minn: (1) 28,1-2a – l-introduzzjoni; (2) 28,2b-6 – ir-rakkont tal-lifgħa li taqbad ma' id Pawlu u l-venerazzjoni ta' l-abitanti tal-gżira lejn Pawlu; (3) 28,7-8 – Pawlu jfejjaq lil missier Publiju u lill-morda oħra tal-gżira. In-nies tal-gżira huma indikati minn Luqa bħala oi de barbaroi, jiġifieri nies li ma kinux jitkellmu l-Grieg, appuntu "barbari", għax kienu jitkellmu djalett neo-Puniku, minkejja li Malta kienet maħkuma mir-Rumani. Il-fatt li Luqa jindika li kienet ix-xita u kien il-bard jurina li ż-żmien tas-sena li fih Pawlu wasal Malta kien fl-istaġun tal-maltemp u tal-bard, jiġifieri bejn Novembru u Frar. Issa, jekk kif għidna aktar 'il fuq x'aktarx li fis-sena 60 il-Yom Kippur ħabat fl-24 ta' Ottubru, u li Pawlu telaq minn Kreta meta kienet diġà għaddiet din il-festa, u l-ġifen dam jitħabat mat-tempesta almenu ġimagħtejn, allura niġu loġikament għall-perjodu bejn in-nofs u tmiem Novembru tas-sena 60. Il-klima xitwija

deskritta mill-Atti f'Malta tibda bejn wieħed u ieħor f'dan iż-żmien tas-sena, u l-irwiefen tal-grigal huma l-aktar komuni f'dan il-perjodu, bejn Novembru u Diċembru. Il-grigal jista' jasal għal riefnu ta' forza 8-10 (bħal fil-każ tar-riefnu ta' l-24 ta' Jannar 2008), u jista' jdum jonfoħ bejn tlieta u ħamest ijiem. Hu kawżat minn kurrenti qawwija ta' arja kiesħa mill-Ewropa ċentrali li jiltaqgħu ma' kurrenti ta' arja sħuna mid-deżert Libiku.

Luqa jiddeskrivi b'toni ta' gratitudni l-ospitalità tal-Maltin lejn Pawlu u sħabu. Luqa jrid juri li Pawlu hu l-bniedem ta' Alla, li jiġi magħżul biex jagħti xhieda lil Kristu sat-trufijiet ta' l-art. Proprju għaliex hu xhud ta' Alla, Pawlu hu wkoll tawmaturgu, li joffri s-salvazzjoni u l-fejqan lil dawk kollha li għandhom bżonnhom. Mill-aspett storiku Atti 28,1-10 jappartjeni ċertament għal tradizzjonijiet ta' min joqgħod fuqhom li San Pawl għadda minn Malta. Iż-żewġ episodji ta' "rakkonti ta' mirakli" ukoll jappartjenu għal tradizzjonijiet lokali, li Luqa elaborahom billi segwa mudelli mil-letteratura ellenistika. Hekk, l-episodju tal-lifgħa li taqbad ma' id Pawlu jfakkarna f'epigrammi funebri tal-letteratura Griega: l-epigramma ta' Antipatru ta' Tessalonika (1 seklu q.K.), ta' Leonida ta' Lixandra (1 seklu w.K.) u ta' Satilius Flaccus (1 seklu w.K.). Dawn it-tliet epigrammi jitkellmu mill-mewt ta' personaġġi li, wara li ħelsu mill-għarqa, gidmithom lifgħa. Fil-każ tagħna, iżda, billi Luqa jrid juri li Pawlu hu mħares minn Alla, mhux biss jurih li ħeles mill-għarqa, imma wkoll mill-gidma tal-lifgħa. Jiddeskrivi reazzjoni fost l-indiġeni Maltin, li minn ġudizzju negattiv fuq Pawlu ("dan ir-raġel żgur xi qattiel") li l-Ġustizzja personifikata (diké) ma ħallitux jgħix, jibdew iqisu lil Pawlu bħala divinità ("bdew jgħidu li kien xi alla"). Hekk Luqa jippreżenta lil Pawlu bħala tawmaturgu, xhud tas-salvazzjoni ta' Alla għall-bnedmin kollha. Fil-fatt f'Malta ma jeżistux lifgħat jew sriep velenużi. Hemm min isostni li l-lifgħa li gidmet lil Pawlu kienet il-coronella austriaca, li tixbaħ lil-lifgħa, imma mhijiex velenuża. Imma l-Maltin stennew li Pawlu jmut meta raw il-lifgħa mqabbda ma' idu; dan ifisser li għalihom il-lifgħa kienet velenuża. Ma nistgħux ninsistu aktar fuq dan id-dettall, ħlief li ngħidu li, ukoll jekk illum f'Malta ma hemmx sriep velenużi, dan ma jfissirx li ma kinux jeżistu fl-1 seklu. It-tieni episodju ta' fejqan hu dak assoċjat ma' missier Pubilju. Luqa jsejjaħlu prôtos tis nésou, il-prinċep tal-gżira. Ma nafux jekk kienx xi maġistrat prinċipali jew xi bniedem nobbli ieħor ta' Malta. Imma ismu hemm xhieda għalih f'iskrizzjonijiet misjubin f'Malta, waħda minnhom tal-perjodu ta' Tiberju, li ssejjaħlu wkoll prôtos Melitaíon. Skont tradizzjoni lokali dan kellu l-villa tiegħu qrib ir-raħal ta' Burmarrad, ftit bogħod mill-bajja tas-Salini, fil-post arkeoloġiku magħruf bħala San Pawl Milqi. Hawnhekk, fis-snin 1963-1968 il-Missione Archeologica Italiana għamlet skavi arkeoloġiċi taħt u madwar il-kappella ta' San Pawl Milqi, mibnija fl-1616 fuq fdalijiet ta' kappella oħra tas-seklu 15. Instabu fdalijiet ta' villa u kumpless agrikolu tat-2 seklu q.K. Il-villa kien hemm qabilha bini Puniku, u baqgħet wieqfa sal-ħakma Għarbija fid-9 seklu. Kienet tikkonsisti f'kumpless residenzjali, u bini ieħor konness ma' l-għasir taż-żebbuġ. Għalkemm it-tradizzjoni popolari torbot ma' dan il-post il-villa ta' Publiju, hu diffiċli li nkunu nafu jekk, fil-fatt, il-fdalijiet arkeoloġiċi jistgħux jikkonfermaw din l-ipotesi, jew l-ipotesi l-oħra li l-villa kienet fil-Wardija, fejn hemm il-knisja ta' San Ġwann "tal-Ħriereb", mibnija fuq fdalijiet Rumani, u fejn jidher ħawt tal-ġebel li jingħad li fih San Pawl

għammed lill-abitanti. Hu x'inhu, Publiju għamel ġest ta' ġenerożità kbira meta laqa' għandu 276 persuna għal tlitt ijiem. Pawlu sar jaf li misser Publiju kien marid "bid-deni u d-disenterija". Dawn is-sintomi li jiddeskrivi Luqa f'Atti 28,8, jikkorrispondu għad-deni rqiq, kawżat mill-Micrococcus Melitensis skopert fl-1887 (jissejjaħ ukoll Brucellosis Melitensis), li jinfetta l-ħalib tal-mogħoż u jipproduċi f'min jixorbu d-deni għoli u d-disenterija. Pawlu fejjaq lil missier Publiju bil-ġest tat-tqegħid ta' l-idejn. Il-fama tiegħu malajr xterrdet mal-gżira, u l-abitanti l-oħrajn li kienu morda ġew biex Pawlu jfejjaqhom billi talab u qiegħed idejh fuqhom. Il-Maltin, li kienu ospitali mill-ewwel, issa saru mill-aktar twajbin ma' Pawlu u sħabu, li damu f'Malta tul iż-żmien kollu tax-xitwa li fih kienet magħluqa l-possibilità tan-navigazzjoni. "Urewna ġieħ kbir, u meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-ġifen kull ma konna neħtieġu" (Atti 28,10). L-Atti ma jagħtuna l-ebda ħjiel dwar x'għamel Pawlu kemm dam f'Malta fil-perjodu tax-xitwa. It-tradizzjoni lokali tgħid li Pawlu evanġelizza lill-Maltin u kkonvertihom għall-fidi fi Kristu, taħt it-tmexxija ta' Publiju, l-ewwel isqof tal-gżira. Nafu li dawn l-elementi leġġendarji ma għandhom l-ebda bażi storika. L-istudjużi ta' l-istorja jgħidulna li l-ewwel sinjali tal-Kristjaneżimu f'pajjiżna jmorru lura għas-sekli 3-4, u li l-kult lejn San Pawl mhux eqdem mis-seklu 13. Jekk, iżda, nqisu li Pawlu kien dejjem jieħu l-opportunità li jxandar l-Evanġelju kull fejn mar, hemm probabbiltà li dan ma setax jonqos f'Malta fejn dam "tliet xhur" (Atti 28,11). Aktar minn daqshekk ma nistgħux ċertament nikkonkludu mill-materjal dokumentarju li ħallielna Luqa fl-Atti.

## Il-vjaġġ minn Malta sa Ruma

"Wara tliet xhur tlaqna fuq ġifen li kien għadda x-xitwa fil-gżira" (Atti 28,11). Minn Malta Pawlu telaq lejn Frar-Marzu tas-sena 61. Il-ġifen li telaq bih kien minn Lixandra, u kellu x-xbieha tad-Dijoskuri fil-pruwa. Dan id-dettall hu interessanti, għax jurina kif l-iġfna kien ikollhom fil-pruwa jew pittura jew skultura tax-xbihat ta' Castore u Polluce, li kienu meqjusin bħala protetturi tan-navigazzjoni. L-ewwel art li waslu fiha kienet il-gżira ta' Sqallija. Wara Capo Passero l-ewwel port li wieħed jiltaqa' miegħu hu Sirakuża, u hemm Pawlu niżel u qagħad tlitt ijiem. Sirakuża kienet ġiet mibnija minn Archia ta' Korintu lejn is-sena 734 q.K., u kienet saret belt Dorika mill-isbaħ taħt Ierone I (485-467). Fis-sena 413 ġiet assedjata minn armata minn Ateni, imma mingħajr suċċess. Fis-sena 212 q.K. waqgħet f'idejn ir-Rumani, u dawn sebbħuha ħafna, kif jixhed Ċiċerun. Fi żmien Pawlu Sirakuża kienet tagħmel parti mill-Provinċja Senatorjali ta' Sqallija u kellha żewġ portijiet. Hemm tradizzjoni lokali f'Sirakuża li tgħid li hemmhekk Pawlu ltaqa' ma' komunità Kristjana, li kienet diġà ġiet evanġelizzata minn xi missjunarji. Fis-sena 39 San Pietru kien bagħat lil Marziano f'Sirakuża biex ixandar l-Evanġelju. Dan kien jiġbor l-ewwel komunità Kristjana fl-għerien Pelopie ta' Acradina, qrib fejn kienet tgħix il-komunità Lhudija. Dan wassal biex il-Lhud fis-sena 68 rabtu lil Marziano ma' kolonna u ħaġġruh. Skont tradizzjoni lokali fil-kripta ta' San Marziano ppriedka San Pawl meta mar Sirakuża. Din naturalment hi tradizzjoni li ma nistgħux nippruvawha minn dak li jgħidu l-Atti. F'din iż-żona ta' Sqallija hemm xi ċentri li jżommu t-tradizzjoni tal-mawra ta' San Pawl fl-inħawi ta' Sirakuża, fosthom il-port ta' Sampieri, qrib Pozzallo, u Palazzolo Acreide, qrib Sirakuża.
Minn Sirakuża l-ġifen kompla jbaħħar mal-

kosta ta' Sqallija, quddiem Catania u Messina. Tradizzjoni oħra tgħid li evanġelizza Messina, imma din ukoll hi bla ebda bażi storika. Wara li qasmu li Stretto di Messina waslu Reggio, belt antika Griega, illum Reggio Calabria, mibnija minn Calcide lejn is-sena 720 q.K. Fis-sena 387 q.K. inqerdet minn Dijonisju II il Giovane. Biex ma taqax taħt il-Kartaġiniżi talbet l-għajnuna lir-Rumani. Wara terremot qawwi Awgustu reġa' bniha u semmieha Rhegium Julium. L-għada li waslu Reggio qam riħ favorevoli min-nofsinhar. Dan kien ifisser li setgħu jaqsmu l-Baħar Tirrenu dritt lejn Pozzuoli, belt port fit-tramuntana tal-Golf ta' Napli, imwaqqfa mill-kolonizzaturi Griegi tal-Calcide bl-isem ta' Dicaearchia fis-7 seklu q.K. Għaddiet taħt il-ħakma Rumana fis-sena 215, u kellha anfiteatru kbir. Sa ma l-imperatur Klawdju bena l-port ta' Ostia, Pozzuoli kienet meqjusa bħala l-port ta' Ruma. Skont Josephus Flavius fil-belt kien hemm preżenti waħda mill-eqdem kolonji Lhud fl-Italja. Ukoll jekk ma nafux kif, meta wasal Pawlu, kien hemm diġà insara f'Pozzuoli. Fil-fatt Luqa jikteb: "Hemm sibna xi aħwa, li stidnuna noqogħdu sebat ijiem magħhom" (Atti 28,14). U hekk Pawlu seta' jitlaq lejn Ruma. Minn Pozzuoli hu segwa l-Via Appia. L-aħwa ta' Ruma ħarġu biex jiltaqgħu ma' Pawlu sal-Forum ta' Appju u sat-Tliet Tvieren. It-tradizzjoni tqiegħed il-lokalità ta' Tres Tabernae qrib ħafna tal-Forum Appii, qrib Borgo Faiti u quddiem il-belt ta' Sezze. Dawn kienu stazzjonijiet tal-posta fuq il-Via Appia. Il-lokalità tat-Tliet Tvieren setgħet tkun xi 16-il mil bogħod minn Ariccia (49 km minn Ruma) u 10 mili mill-Forum ta' Appju. "Malli rahom, Pawlu radd il-ħajr 'l Alla u qawwa qalbu" (Atti 28,15). Ma nafux jekk dan hux versett redazzjonali ta' Luqa, billi ma kienx tant possibbli għal Pawlu, priġunier, li jidħol trijonfalment f'Ruma, eskortat mill-komunità tal-Kristjani. "Meta dħalna Ruma, Pawlu tawh il-permess joqgħod għalih b'suldat għassa miegħu" (Atti 28,16).

Dan ifisser li Pawlu kellu permess ta' kustodja militari mhux iebsa ħafna, biex hekk seta' jiċċaqlaq, jgħix waħdu, u jirċievi l-viżti ta' dawk li jridu jarawh. Luqa aktar tard jinfurmana li "Pawlu dam joqgħod hemm għal sentejn sħaħ fid-dar li kien kera" (Atti 28,30). Il-fatt li Pawlu kien taħt kustodja militari jfisser li kien jgħix barra mill-Castra Pretoria, imma mhux bogħod minnha. Din kienet l-akkampament tal-Pretorjani, fix-xaqliba tal-majjistral ta' Ruma, bejn il-



Via Nomentana u l-Via Tiburtina, li kien ġie mibni minn Tiberju fis-snin 20-23 w.K. Minn hawn Pawlu seta' faċilment ikompli l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni kemm fost il-Lhud kif ukoll fost il-pagani li kienu jgħixu f'Ruma.

## Il-laqgħa mal-Lhud

Malli daħal Ruma Pawlu mar joqgħod f'dar li kien kera. L-ewwel ħaġa li ħaseb li jagħmel kienet li jsejjaħ għandu l-kapijiet tal-komunità Lhudija li kienet tgħix f'Ruma. Fi żmien Pawlu kienu jgħixu f'Ruma mal-50 elf Lhud, l-aktar fiż-żona ta' Trastevere, b'total ta' 13-il sinagoga. Malli dawn inġabru għandu Pawlu beda jispjega r-raġuni għaliex hu kien priġunier, jiġifieri minħabba l-akkużi mhux fondati ta' nies fanatiċi f'Ġerusalemm, billi hu ma kien ikkommetta l-ebda delitt kontra l-poplu Lhudi jew id-drawwiet tal-missirijiet. L-innoċenza tiegħu, fil-fatt, kienet evidenti għaliex l-istess Rumani qatt ma rnexxielhom isibu fih xi ħtija ta' delitt. Imma billi l-Lhud komplew jinsistu li jiġi kkundannat, Pawlu qal li kien wasal għad-deċiżjoni li jappella għal quddiem it-tribunal ta' Ċesari, imma bl-ebda sens ta' mrar lejn il-poplu tiegħu. Qalilhom li kien sejħilhom biex huma jaraw b'għajnejhom stess li hu kien iġorr il-ktajjen minħabba t-tama ta' Israel. It-tweġiba tal-kapijiet Lhud kienet diplomatika u prudenti. Qalulu li huma ma kinux irċevew ittri dwaru u lanqas l-ebda aħbar kontrih. Anzi, huma kienu kuntenti li jiltaqgħu miegħu ħalli jkollhom informazzjoni dwar din id-duttrina ġdida li huma semgħu li kienet issib oppożizzjoni kullimkien. Hekk huma iffissaw ġurnata biex jiltaqgħu miegħu (Atti 28,17-22).
Fil-jum miftiehem ippreżentaw ruħhom diversi Lhud fid-dar ta' Pawlu, u dan esponielhom il-fidi Kristjana u ta xhieda li Ġesù kien tassew il-Messija mħabbar minn Mosè u mill-profeti. Xi wħud mil-Lhud emmnu, imma oħrajn baqgħu jiddubitaw, hekk li Pawlu jidher li urta ruħu u weġibhom bil-kliem tal-profeta Isaija 6,9-10: "Mur għand dan il-poplu u għidilhom: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom". Hekk Pawlu jiddikjara: "Kunu afu, mela, li Alla bagħat din is-salvazzjoni tiegħu lill-pagani; u huma jisimgħu" (Atti 28,28).
Wara din il-ġrajja "Pawlu dam joqgħod hemm għal sentejn sħaħ fid-dar li kien kera; hemm kien jilqa' lil dawk kollha li kienu jiġu għandu, ixandrilhom is-Saltna ta' Alla u jgħallimhom fuq il-Mulej Ġesù Kristu bil-kuraġġ u bla tfixkil" (Atti 28,30-31). B'dan is-sommarju Luqa jagħlaq il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli. Id-dmir tiegħu bħala storiku tal-Knisja tal-bidu kien laħqu: bil-predikazzjoni ta' Pawlu f'Ruma l-pjan ta' salvazzjoni ta' Alla għall-popli kollha sat-trufijiet ta' l-art kien intlaħaq.

## L-apostolat tal-priġunier Pawlu

Is-sentejn li Pawlu għadda Ruma, skont Atti 28,30, kienu snin ta' ħidma apostolika intensa fi ħdan il-komunità Kristjana Rumana. Imma, bħas-soltu, Pawlu, minkejja li kien qed jaħdem għall-Knisja

lokali, ma nesiex il-ħtiġijiet tal-Knisja universali, speċjalment dawk li kienu marbutin miegħu b'sentimenti partikulari ta' mħabba u kienu laqgħu bil-qalb il-messaġġ apostoliku tiegħu. Il-preokkupazzjoni li kellu għall-Knejjes kollha kienet il-ħin kollu twasslu biex jaħseb fihom, l-aktar f'dawk il-komunitajiet li kienu mheddin mill-predikazzjoni ta' l-aħwa foloz Lhud u mill-predikazzjoni ta' tip Gnostiku. Proprju minħabba dawn ir-raġunijiet, kemm dam priġunier Ruma, Pawlu ddetta t-tliet ittri li fadal fil-corpus Paulinum, jiġifieri Filemon, Kolossin u Efesin. L-ewwel waħda hi ċertament ittra fis-sens klassiku, għax titkellem fuq fatt personali; Kolossin hi ittra indirizzata lil komunità li kienet ġiet evanġelizzata mhux direttament minn Pawlu, imma mid-dixxiplu tiegħu Epafra, kkonvertit għall-Kristjaneżimu minn Pawlu meta l-appostlu kien jgħallem f'Efesu. L-Ittra lill-Efesin hi x'aktarx "ittra ċirkulari", indirizzata għal diversi komunitajiet ta' l-Asja prokonsolari li kienu qrib Efesu.

## L-aħħar snin u l-martirju ta' Pawlu

Ma għandniex informazzjoni dwar x'ġara minn Pawlu wara li għaddew is-sentejn li għamel priġunier f'Ruma. Għandna f'idejna xi ħjiel, imma li hu storikament mhux tant ta' min jorbot fuqu, fl-Ittri Pastorali (1 u 2 Timotju; Titu), fix-xhieda ta' Klement Ruman, I Ittra lill-Korintin 5,5-7, u fil-Kanone ta' Muratori.
Jekk noqogħdu għal dak li jgħidu l-Ittri Pastorali, wara s-sentejn li Pawlu għadda f'Ruma, jkollna din is-sekwenza ta' avvenimenti: 1) il-vjaġġ lejn Spanja, li Pawlu kien diġà pproġettah f'Rum 15,24 u li jagħtuna xhieda tiegħu Klement Ruman ("laħaq wasal fit-truf tad-dinja fl-Oċċident"), Framment ta' Muratori, l-Atti ta' Pietru u Pawlu, u diversi Missirijiet u kittieba tal-Knisja tal-qedem;
2) perjodu li l-Appostlu mill-ġdid għaddih f'Efesu flimkien ma' Timotju u vjaġġ qasir li mbagħad għamel fil-Maċedonja wara li ħalla lil Timotju f'Efesu (1Tim 1,3); 3) perjodu ta' żmien li fih Pawlu għex fil-gżira ta' Kreta fejn ħalla bħala responsabbli lil Titu (Tit 1,5); 4) żjara f'Nicopolis ta' Epiru (Tit 3,12); 5) Pawlu mill-ġdid priġunier f'Ruma, minn fejn jitlob lil Timotju biex jilħqu malajr kemm jista' jkun, u jġiblu l-mantell u l-parċmini li kien ħalla warajh Troas (2Tim 1,17; 4,9-21).
Mingħajr ma niċħdu l-possibbilità storika ta' dawn l-elementi, jidhirli li kemm l-Atti kif ukoll l-Ittri Pastorali jsostnu li Pawlu ta l-aħħar xhieda tiegħu proprju f'Ruma. Dan id-dettall hu ċert kemm jekk naċċettaw li Pawlu ġie mmartirizzat fi tmiem l-ewwel priġunija tiegħu f'Ruma, kif ukoll jekk nilqgħu l-opinjoni ta' vjaġġi oħrajn u t-tieni priġunija f'Ruma.
Dak li hu importanti, mill-aspett storiku, hu li nżuru r-raġuni li ddeterminat il-kundanna u l-martirju ta' l-Appostlu. Skont l-Atti ma hemm l-ebda ħjiel li Pawlu ġie mmartirizzat. L-awtoritajiet Rumani kienu pjuttost favorevoli għal Pawlu u qatt ma qiesu li l-missjoni tiegħu kienet illeġittima. Mhux biss, imma kemm fil-priġunija ta' Ċesarija kif ukoll f'dik Rumana, Pawlu jiġi rrispettat bħala ċittadin Ruman, u jitħalla f'idejn custodia militaris li kienet tagħtih ċerta awtonomija. Jekk verament Pawlu ġie mmartirizzat, mela jkollna naċċettaw bidla radikali ta' l-awtoritajiet Rumani jew kontra Pawlu personalment,



*Il-Bażilika ta' San Paolo fuori le mura*

inkella kontra l-Kristjaneżimu bħala tali.
Xi studjużi jitkellmu minn talba li Tiberju kien għamel quddiem is-Senat biex ir-reliġjon Kristjana tiġi meqjusa bħala religio licita (Tertulljanu, Apologeticum V,1ss). Forsi, wara relazzjoni li kien irċieva minn Ponzju Pilatu, fis-sena 35 l-Imperatur talab lis-Senat biex jilqa' fost id-divinitajiet tal-Pantheon ta' Ruma lil Kristu, u b'hekk il-Kristjaneżimu kien isir awtomatikament religio licita. Imma s-Senat ried iwarrab il-prepotenza ta' Tiberju u jafferma l-indipendenza tiegħu, u warrab din it-talba, biex hekk il-Kristjaneżimu beda jitqies bħala religio illicita. Mhux biss, imma beda jitqies bħala superstitio (Taċitu, Annales, XV,44) u superstitio prava et immodica (Plinio il Giovane, Epistola X,96). Jekk dan hu minnu, mela l-Insara setgħu jiġu kkundannati sempliċement għax kienu qed isegwu reliġjon kontra l-liġi. Fil-bidu, iżda, jidher li d-digriet tas-Senat ma tantx kellu effett fl-Imperu, u lanqas f'Ruma stess, fejn ftit kienu jafu dwar l-Insara, almenu sas-sena 62, meta Neruni biddel il-politika tiegħu lejn il-Kristjaneżimu. Fil-fatt, Neruni għamel riferiment għal din il-leġislazzjoni meta, fis-sena 64 ta bidu għall-ewwel persekuzzjoni sistematika kontra l-Insara fl-Imperu Ruman.
Din in-nota storika għalina tidher li hi interessanti ħafna biex nistabilixxu d-data tal-martirju ta' Pawlu. Jidhirli li l-Atti għandhom raġun meta jsostnu li x-xhieda ta' Pawlu f'Ruma damet sentejn. Fil-fatt, wara li għaddew is-sentejn, iż-żmien jaqbel eżattament mal-perjodu li fih l-Imperu biddel l-atteġġjament tiegħu lejn l-Insara, l-aktar bil-politika ta' Neruni. Għalhekk jiena tal-fehma li, lejn is-sena 64 Pawlu sab ruħu f'nofs it-taqliba li tqajmet minn Neruni: b'hekk ġie pproċessat u mogħti l-mewt. Hekk, biex jagħti xhieda għal Kristu, Pawlu, għalkemm ċittadin Ruman, l-ewwel laqa' li jiġi fflaġellat u mbagħad li jaqtgħulu rasu. Skont it-tradizzjoni lokali Rumana l-post tal-martirju hu dak li jissejjaħ San Paolo alle Acque Silve, jew "le Tre Fontane". Il-post fejn hu midfun l-Appostlu hu indikat bħala wieħed qrib il-post tal-martirju, fuq il-Via Ostiense, fejn imbagħad inbniet il-Bażilika ta' San Paolo fuori le mura. Hemm min isostni li l-post li fih kien oriġinarjament midfun l-Appostlu hu l-post "ad Catacumbas" fuq il-Via Appia, maġenb il-Bażilika ta' San Sebastiano alle Catacombe.
Bix-xhieda suprema tal-martirju Kristu seta' tassew isir il-premju, il-kuruna tal-ġustizzja, il-ħajja eterna għall-Appostlu tiegħu Pawlu ta' Tarsu.



# F’Relazzjoni Ħajja ma’ Kristu Ġesù

*Marcello Ghirlando OFM*

B’differenza minn reliġjonijiet oħra, in-nisrani ma jqegħedx fiċ-ċentru ta’ twemminu t-tagħlim tal-Mulej Ġesù daqs li kieku dan kien xi ideoloġija bħall-oħrajn. Bil-ħajja u bl-ittri tiegħu, San Pawl, l-Appostlu tal-Ġnus, jurina li n-nisrani jintrabat u jqiegħed il-persuna tal-Mulej Ġesù bħala ċ-ċentru u s-sies ta’ twemminu u tal-ħajja tiegħu. Meta Pawlu jikteb l-Ewwel Ittra lill-Korintin, fis-sena 54, meta Ruma tela’ fuq it-tron l-Imperatur Neruni, Pawlu għadda lill-insara tiegħu l-istqarrija tal-fidi tal-Knisja tal-bidu: “Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura. U deher lil Kefa, u mbagħad lit-tnax”(15,

3-5). Stqarrija ta' fidi li biha Pawlu jistqarr li Kristu miet għalina ("minħabba dnubietna") u li joffri relazzjoni ħajja miegħu lil kull min jemmen fih ("Kefa, it-Tnax"). Imma huwa Kristu ċ-ċentru ta' l-istqarrija: mhux bħala dak li huwa l-għajn ta' xi messaġġ duttrinali astratt imma bħala l-protagonista ewlieni ta' ġrajjietu, ġrajjiet li jagħtu l-ħajja u l-fidwa lil kull min jemmen fih.F'dan il-kuntest għalhekk, waħda mill-isbaħ espressjonijiet ta' San Pawl li biha jiddeskrivi l-bidla tremenda li seħħet fih fit-triq lejn Damasku u li sseħħ f'kull nisrani u fina bil-qawwa tas-Sagrament tal-Magħmudija nsibuha f'2 Korintin 5, 17: "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid!" L-għarfien ta' Kristu fil-ħajja ta' Pawlu u ta' kull bniedem ("Meta dak li għażilni sa minn ġuf ommi u li sejjaħli bil-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex jiena nħabbru fost il-ġnus..." ara: Galatin 1, 15-16)jagħmel li jsib ruħu u jgħix "fi Kristu Ġesù".

## Xi jfisser dan għal Pawlu u għalina?

Ifisser li kull min jemmen jagħraf lil Mulej Ġesù bħala l-Mulej tal-ħajja u tal-mewt. "Kristu għalhekk miet u rxoxta, biex ikun Sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-mejtin" (Rumani 14, 9) u "Għax jekk inti tistqarr b'fommok, 'Ġesù hu l-Mulej', u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva" (Rumani 10, 9).
Jekk Ġesù huwa l-Mulej ta' kull min jemmen dan ifisser li Ġesù jiġi milqugħ bħala Feddej u wieħed jilqa' rabta u relazzjoni personali miegħu.
Dan ifisser li n-nisrani jsir dak li hu fil-miżura li huwa ta' Kristu: "Intom ta' Kristu" (1 Korintin 3, 23). Dan Pawlu jistqarru b'mod ċar f'Filippin 3, 7-11: "Imma dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf ħdejn il-qligħ kbir filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi. Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet".
"Inkun ninsab fih" jistqarr Pawlu: espressjoni profonda li turi u li twettaq l-identità ta' Pawlu bħala ħolqien ġdid u tan-nisrani mgħammed. Li Kristu jkun ċ-ċentru, is-sies, il-qawwa, id-dawl, il-ħajja tan-nisrani f'dak li kollu li jaħseb, igħid u jagħmel. Li l-ħajja nisranija ma tkunx biss qoxra jew kuntest kulturali imma relazzjoni ħajja, intima, esistenzjali ma' Kristu l-Mulej. B'hekk wieħed jifhem għaliex Pawlu tħabat tant biex f'dawk li xandrilhom il-Vanġelu, "isawwar" lil Kristu fihom: "Uliedi, għal darba oħra qiegħed inħoss l-uġigħ tal-ħlas sakemm Kristu jissawwar fikom" (Galatin 4, 19).
Il-ħajja nisranija, jappella Pawlu, mhijiex sistema ta' valuri, mhijiex filosofija, imma hija esperjenza ta' fidi, relazzjoni personali mal-Mulej tal-ħajja u tal-mewt, relazzjoni li tagħti l-ħajja lin-nisrani, esperjenza li permezz tagħha jgħix "fi Kristu Ġesù", bħala ħolqien ġdid, skont ir-rieda u l-qalb ta' Alla l-Missier.
Kristu jgħix fija
Din il-fidi, relazzjoni ħajja mal-Mulej, Pawlu jesprimiha tajjeb f'Galatin 2, 20: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija". B'din l-istqarrija Pawlu juri għal darba oħra lil-figura personali ta' Kristu Ġesù hija verament iċ-ċentru awtentiku ta' l-esperjenza nisranija.
Meta Pawlu jgħid li Kristu jgħix fih, jistqarr li din il-ħajja jgħixha "bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta' ruħu għalija". Dan ma jfissirx li n-nisrani huwa identifikat ma' Kristu: ifisser li n-nisrani jgħix f'relazzjoni ħajja ma' Kristu, jilqgħu f'qalbu, jafda fih, jimxi warajh. Dan jidher ċar f' Efesin 3, 17, meta bl-istess spirtu Pawlu jistqarr: "... Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tnižżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom"(3, 17).
Hija relazzjoni mibnija fuq

il-fidi. Fidi li tieħu l-ħajja fil-għarfien personali ta' l-imħabba li wieħed jirċievi: "l-Iben ta' Alla ħabbni u ta' ruħu għalija!" Mela, meta Pawlu jistqarr li Kristu jgħix fih, ifisser li Kristu rxoxt, għalih u għalina, huwa l-għajn tal-ħajja ġdida, l-għajn ta' din ir-relazzjoni ta' mħabba li tagħmel minn kull min jemmen ħolqien ġdid.
Bis-saħħa tal-fidi, ta' din ir-relazzjoni ta' mħabba li tagħti l-ħajja, in-nisrani jaffronta l-ħajja ta' kuljum bi spirtu ġdid, b'qawwa interjuri li ddawwal u tagħti l-ħajja.
In-nisrani li jemmen allura mhuwiex dak li jemmen f'xi sett ta' veritajiet fissi, imma huwa dak li jiftaħ qalbu biex jilqa' l-imħabba tal-Missier li tidher fl-għotja ta' "l-Iben ta' Alla li ħabbni u ta' ruħu għalija.
Għal Pawlu, għalina, il-fidi nisranija hija esperjenza; esperjenza ħajja tal-Mulej, ta' mħabbtu, tal-ħajja ġdida li kapaċi jnissel fina. Mingħajr din ir-relazzjoni ta' mħabba bejni u bejn Kristu ħaj, "fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħna..." (1 Korintin 15,14).
Għal Pawlu, għalina, Kristu hu tabilħaqq "is-sliem tagħna" (Efesin 2,14), "il-ħajja tagħna" (Kolossin 3, 4), "l-għerf, il-ġustizzja, il-qdusija u l-fidwa tagħna" (! Korintin 1, 30), "il-pedament waħdieni" (1 Korintin 4, 11) u "it-tama tagħna" (Kolossin 1, 27).
Kellu raġun jgħanni Pawlu f'Rumani 8, 31-39: "Xi ngħid, mela, quddiem dan kollu? Jekk Alla hu magħna min jista' jkun kontra tagħna? Hu, li lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll, kif ma jagħtiniex ukoll kollox miegħu? Min se jakkuża l-magħżulin ta' Alla? Alla stess hu dak li jiġġustifikahom. Min se jikkundannhom? Kristu Ġesù li miet, jew aħjar, li qam mill-imwiet, jinsab fuq il-lemin ta' Alla, hu li jidħol għalina. Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla? Bħalma hu miktub: 'Minħabba fik il-jum kollu jikkundannawna għall-mewt; jgħodduna bħal ngħaġ għall-qatla. Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna. Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna".





# ĦARSA LEJN IL-VANĠELI SINOTTIĊI

*Fr. Charles Buttiġieġ*

*"...Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu."* *(Mark 16:15)*

## Il-Kelma 'Sinottiċi'

Il-Vanġeli sinottiċi huma l-ewwel tliet vanġeli, jiġifieri dak ta' San Mattew, San Mark u San

Luqa. Il-kelma 'sinottiċi' ġejja mill-kelma griega 'synopsis' li tfisser 'ħarsa (opsis) flimkien u fl-istess ħin (syn)'. Dan għaliex meta tpoġġi t-tliet vanġeli ma' xulxin, tqegħedhom f'kolonni per eżempju u tħares lejhom, tinduna illi f'ħafna bnadi jaqblu eżattament ma' xulxin. Minn dan l-aspett, ir-raba' vanġelu ta' San Ġwann hu għal kollox differenti kemm fil-kontenut u kemm fil-ħsieb tiegħu, li huwa ogħla bħala livell teoloġiku (li jtir 'il fuq bħal 'ajkla', li hija s-simbolu ta' dan il-vanġelu).

## Il-Vanġelu ta' San Mattew

San Mattew, bin Alfew huwa dak il-pubblikan ta' Kafarnahum li f'Mark u f'Luqa jissejjaħ ukoll Levi u li ġie msejjaħ mill-Mulej proprju x'ħin kien qiegħed jaħdem (ara Mt 9:9-13). Is-simbolu tal-vanġelu tiegħu huwa figura ta' bniedem għaliex proprju jibda l-vanġelu tiegħu bir-razza kollha ta' Ġesù. San Mattew żgur li kiteb il-vanġelu tiegħu bl-aramajk għall-komunita` ta' Ġerusalemm u tal-Palestina madwar is-sena 50 w.K., iżda dan l-oriġinal semitiku huwa mitluf u llum għandna dak li nkiteb bil-grieg fl-era apostolika bejn is-snin 70 u 80 w.K., wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm fis-sena 70 w.K.. Skont ix- xhieda ta' Papija, Isqof ta' Ġerapoli (ċ. 130), jgħid li Mattew l-appostlu kiteb ġabra tal-kliem li qal Ġesù (logia) bl-Aramajk, ħafna qabel ma nkiteb dak bil-Grieg.
Il-vanġelu ta' San Mattew jissejjaħ tas-Saltna tas-



*San Mattew*

Smewwiet għaliex naraw tassew lil Ġesù jwaqqaf is-saltna tiegħu fuq l-art, li tiġbor fiha kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena u li tikber bil-mod il- mod sakemm tasal għall-milja tagħha. Il-vanġelu nfatti jitkellem ħafna minn din is-saltna permezz tal- parabboli li nsibu fih. Fil-vanġelu nsibu ukoll kristoloġija żviluppata fejn naraw lil Ġesù bħala Bin Alla u Alla nnifsu, kif naraw fl-episodji tal-Magħmudija fil-Ġordan, tat-Trasfigurazzjoni fuq it-Tabor u fl- istqarrija ta' Pietru f'Ċesarija ta' Filippi u taċ-ċenturjun taħt is-salib fuq il-Kalvarju. Huwa wkoll il- Messija, Bin David, imwiegħed minn Alla lill-poplu ta' Israel. Il-vanġelu fih ħames




San Mark

diskorsi ewlenin tal-Mulej u li fihom insibu kliem u sentenzi li qal Ġesù: id-diskors tal-Muntanja, dak Missjunarju, dak bil-Parabboli, dak tal-Knisja u d-diskors Eskatoloġiku. Il-biblista, J. Dupont isostni li l-kliem li fih il-vanġelu kellu l-iskop sabiex iqawwi l-ħajja nisranija fost il-popli.

## Il-Vanġelu ta' San Mark

L-awtur tat-tieni vanġelu huwa Ġwanni Marku, bin Marija ta' Ġerusalemm, li fid-dar tagħha kienu żgur jiltaqgħu l-appostli u l-ewwel insara. Kien jiġi ukoll il-kuġin ta' Barnaba, il-missjunarju ħabrieki ma' San Pawl li mbagħad meta nfired minn Pawlu, dan ħa miegħu lil Mark. Wara, San Mark ingħaqad ma' San Pietru u kien dixxiplu tiegħu f'Ruma u li żgur minn għandu ħa ħafna tagħrif għall- vanġelu tiegħu. Fil-fatt skont tradizzjoni antika ħafna li ġejja minn Papija, Mark kien 'interpretu ta' Pietru'. Huwa l-eqdem vanġelu li għandna u aktarx inkiteb bejn is-snin 65 u 70 w.K. ġewwa Ruma u għall-qarrejja ta' nisel pagan fejn anke jispjegalhom id-drawwiet tal-Lhud. Is-simbolu tal-vanġelu huwa l-iljun għaliex l-vanġelu jibda bl-għajjat ta' Ġwanni l-Battista fid-deżert, sabiex iħejji t-triq għall-Messija.

Il-Kristoloġija u d-Dixxipulat jiffurmaw parti integrali fil-vanġelu ta' San Mark. Element interessanti tal-kristoloġija ta' San Mark hu l-hekk imsejjaħ 'is-Sigriet Messjaniku'. Din l-idea ħarġet mid-diversi drabi fejn Ġesù kkmanda lin-nies jibqgħu siekta dwaru jew dwar għemilu u jirrevela lilu nnifsu proprju fuq is-salib kif naraw mill-istqarrija taċ-ċenturjun. Li Ġesù hu Alla jkun rrivelat bil-mod il-mod fil-vanġelu, bħal donnu jħalli lill-qarrej nnifsu jiskopri bil-mod il-mod min hu Ġesù. Ġesù ta' Marku hu fuq kollox Bin Alla. Hekk jinstema' fil-bidu tal-ktieb, fil-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan: "Inti Ibni l-għażiż..." (ara Mk 1:11); kif ukoll fl-aħħar tal-vanġelu bl-istqarrija taċ-ċenturjun Ruman: "...Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!" (Mk 15:39). Id-dixxipulat, jiġifieri li wieħed isegwi lil Ġesù huwa element ieħor importanti fit-teoloġija Markjana. Il-veru dixxiplu

għandu jimxi wara Kristu anke fit-triq tas-salib, dik li tieħu 'għat-telgħa ta' Ġerusalemm', bħalma għamlu l-appostli ta' Ġesù.

## Il-Vanġelu ta' San Luqa

San Luqa kien pagan ikkonvertit, magħruf ukoll bħala t-tabib tal-ġisem u tar-ruħ. Kien minn Antijokja tas-Sirja u kiteb il-vanġelu tiegħu bil-Grieg ta' livell għoli ħafna. Huwa kiteb lill-insara li kienu jgħixu fl-Asja ż-Żgħira li kienet mimlija b'insara ta' nisel pagan u ta' kultura Griega. Il-vanġelu nkiteb bejn is-snin 70 u 80 w.K. u fl-istess żmien ukoll huwa kkompona t-tieni opra, dik tal-Atti ta' l-Appostli. Is-simbolu tal-vanġelu huwa l-għoġol għaliex jibda l-vanġelu tiegħu bis-sagrifiċċju ta' Żakkarija fit-tempju. Ġesù ta' Luqa, jistieden lill-midinbin sabiex jersqu lejh u jaħfrilhom. Huwa nfatti l-vanġelu  tal-maħfra. Dante Alighieri jsejjaħlu l-evanġelista tal-ħniena ta' Kristu, 'scriba mansuetudinis Christi'. Fih biss tinsab il-parabbola tal-Iben il-Ħali jew tal-Missier Ħanin u tad-drakma l-mitlufa. Insibu fih ukoll ħafna titli ta' Ġesù: il-Messija, il-Feddej, l-Iben ta' Alla, Bin il-Bniedem, Profeta, Sultan, Bin David, il-Qaddis, u l-Imgħallem. Ġesù, f'Luqa huwa fuq kollox il-'Kyrios', il-Mulej, is-Salvatur tal-bnedmin kollha.
Fil-vanġelu naraw fuq kollox l-element tas-salvazzjoni miftuħ għal kulħadd: "Kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla" (Lq 2:6). Din is-salvazzjoni li ġabilna Ġesù l-Feddej hija għalhekk waħda universali, hekk iridu juru l-parabboli tal-ħniena u l-episodju ta' Żakkew il-pubblikan fil-kapitlu 15. Dan huwa fil-linja tal-istqarrijiet tal-fidi li nsibu fil-Ġdid Testment: "Kristu miet għalina, għal kulħadd, għal dnubietna" (ara 1 Kor 15:3 u Gal 1:4).  Huwa fuq kollox il-vanġelu tal-Ispirtu s-Santu, tal-foqra, tal-paċi u fuq kollox tat-talb u tal-ferħ nisrani.


*San Luqa*

## Il-Problema Sinottika

Minkejja ħafna qbil li hemm fit-tliet vanġeli, xi kultant ma jaqblux f'dak li hu sekondarju. Dwar din id-diffikulta`, ta'

nuqqas ta' qbil, tqajmu ħafna mistoqsijiet dwar liema huma l-fonti tal-vanġeli. F'dan ir-rigward inkitbu ħafna opinjonijiet. Aħna nistgħu nispjegaw il-problema sinottika b'dan il-mod. Hemm qbil ċar saħansitra tal-kliem użat u dan juri li evanġelista kellu żgur xi kopji ta' xi vanġelu ieħor. Mattew li għandna f'idejna llum u li hu miktub bil-Grieg jidher li kellu quddiemu lil Mark. Dan isaħħaħ ħafna li l-vanġelu ta' Marku nkiteb l-ewwel wieħed jew dak li l-biblisti jsejħulu l-'Ur Markus' (Marku bikri).

Hemm xi differenzi pero` u dan ifisser li l-evanġelisti kitbu xi esperjenzi tagħhom personali jew li mxew fuq xi tradizzjoni orali partikulari marbuta ma' komunita` partikulari. Per eżempju l-kliem użat waqt it-twaqqif tal-Ewkaristija huwa differenti bejn Mattew u Luqa, fejn dan ta' l-aħħar jaqbel dejjem ma' San Pawl u dan bir-raġun għax kien preżenti fil-vjaġġi mal-appostlu tal-ġnus u saħansitra ġie miegħu hawn Malta. (ara Atti 28:1ff).

Hemm diversi ipotesijiet dwar il-fonti jew il-materjal sinottiku li minnu żviluppaw it-tliet vanġeli msemmija. Fl-1774, Ġreisbaċh kien stampa t-tliet vanġeli fi tliet kolonni u minn dan l-istudju ħareġ dawn il-klassifikazzjonijiet.

Hemm materjal li nsibuh fit-tliet vanġeli u f'din it-tradizzjoni triplika nsibu madwar 360 vers komuni; hemm materjal li nsibu f'żewġ vanġeli biss: jew Mt – Mk; jew Mt – Lq; jew Mk – Lq. Il-qbil bejn żewġ evanġelisti ġej mela minn fonti diġa` miktub u li serva bħala bażi għalihom. Fl-aħħarnett insibu materjal partikulari għal kull vanġelu u li dan mela jinsab f'vanġelu wieħed biss. Hawnhekk naraw ġeneralment u bir-raġun, l-esperjenza individwali ta' kull evanġelista.

Mattew minn madwar 1090 vers li fih il-vanġelu tiegħu, għandu 330 vers li huma tiegħu biss u ma jinsabu mkien iktar. 170 vers insibuhom f'Mark, waqt 230 vers insibuhom f'San Luqa (it-tradizzjoni doppja). 360 vers insibuhom kemm f'Mark u kemm f'Luqa (it-tradizzjoni triplika).

Mark, minn madwar 650 vers tal-vanġelu, għandu 70 vers li nsibuhom fil-vanġelu tiegħu biss; 170 vers insibuhom f'Mattew u 50 vers insibuhom f'Luqa. Waqt li iktar minn nofs il-vanġelu, 360 vers insibuhom kemm f'Mattew u kemm f'Luqa.

Luqa minn 1160 għandu madwar 520 vers li nsibuhom fil-vanġelu tiegħu biss. 230 vers insibuhom f'Mattew u 50 vers f'Mark. 360 vers insibuhom fil-vanġeli l-oħra.

Ħafna biblisti llum jammettu li f'din il-problema sinottika hemm interdipendenza bejn il-vanġeli u li kienu jeżistu xi dokumenti pre-sinottiċi, kif ukoll fonti bażiċi għat-tliet vanġeli. Huma x'inhuma l-opinjonijiet, f'din 'is-solużżjoni sinottika' (aktar milli hi problema) hemm 'id waħda', dik ta' Alla l-Imbierek li nebbaħ lill-awtur sagru sabiex jikteb bħala 'Kelma' u 'Bxara Tajba' l-Imħabba Tiegħu.

## Biblijografija


ALLAND, K., Synopsis Quattuor Evangeliorum, Stuttgart 1985.

BRATCHER, R.G. – NIDA, E.A., The Gospel of Mark, New York 1993.

CASALINI, N., Il vangelo di Matteo come racconto teologico, Analisi delle sequenze narrative, Studium Biblicum Franciscanum Analecta 30, Jerusalem 1990.

FAUSTI, S., Una Comunita` legge il Vangelo di Luca, Bologna 2001.

THE PONTIFICIAL BIBLICAL COMMISSION, The Interpretation of the Bible in the Church, Vatican City 1993.

STOCK, K., I racconti pasquali dei vangeli sinottici, Pontificio Istituto Biblico, Roma 2002.



# IT-TABIB LUQA U ĠESÙ

*Mons Lawrenz Sciberras*

Ma hemm l-ebda awtur fit-Testment il-Ġdid li żviluppa daqshekk il-kliem tekniku marbut mal-mard u l-fejqan daqs kemm għamel it-tabib Luqa. Hekk il-kelma *iaomai,* li tfisser tfejjaq, tati lura s-saħħa, f'Mattew qiegħda erba' darbiet, f'Mark tliet darbiet fi Ġwanni tliet darbiet u f'Luqa ħdax-il darba. Ukoll in-nom *therapeia*, tfisser tagħmel il-kura, mela tieħu l-mediċina ,f'Mt qiegħda sittax-il darba, f'Mk ħamsa, fi Ġw darba u f'Luqa



erbatax-il darba. Għalkemm originarjament il-verb *terateuwin* tfisser taqdi, tkun lest biex tgħin, dan il-verb fit-Testment il-Ġdid huwa sinonimu mal-fejqan, tati mill-ġdid is-saħħa, tikkura lil xi marid. Hekk jużah it-tabib Luqa.

## Ġesù ifejjaq

Matul ħajtu Ġesù wettaq il-missjoni ta' tabib, dak li jfejjaq kemm il-mard fiżiku kif ukoll id-dwejjaq tar-ruħ. Hekk Ġesù iħalli lill-bniedem "sħiħ u salv". Hawn jidħol il-ħsieb mimli tal-kelma bl-Ebrajk shalom, li tfisser mhux biss paċI għaliex ma għandekx gwerer fil-pajjiż, imma shalom tfisser ukoll paċi u sliem interjuri. Il-ħafna fejqan li għamel Ġesù ġew mill-qawwa mogħtija lilu minn Alla Missieru. Din il-qawwa divina kienet tqanqal u tħeġġeġ lil Ġesù sabiex ifejjaq (Lq 5,17), tant li hekk kif ġabulu quddiemu l-paralitiku, Ġesù ħafirlu ħtijietu u reġa tah is-saħħa( Lq 5,18-26). Dan kien att ta' eżempju li bih Ġesù warrab tant skrupli ġejjin mill-għorrief tal-liġi, u mill-Fariżej. Quddiem dan il-fejqan in-nies baqgħu mistagħġbin u kkonkludew hekk: "Rajna ħwejjeġ tal-għaġeb illum" (Lq 5,26).
Dawk in-nies ilkoll kemm huma bdew jagħrfu u jaraw fil-mirakli ta' Ġesù xi ħaġa unika u singolari. Ġesù fejjaq tassew "lil dawk li kienu jeħtieġu l-fejqan" (Lq 9,1). U ma' dan il- fejqan Ġesù kien dejjem isieħeb it-tħabbir tas-saltna t'Alla. U

dan kollu huwa sinjal li l-bosta fejqan li għamel Ġesù, huma kollha marbuta mal-qawwa u l-għana t'"Alla hawn fuq l-art. Meta Ġwanni l-Battista bagħat għand Ġesù numru ta' nies biex jistaqsuh, Luqa jfakkar fil-ħafna fejqan li f'dak il-mument stess kien għadu kemm għamel (Lq 7,21). Luqa ma kienx kuntent b'dan biss, għaliex ikompli ifakkar f'dak li ħabbar dwaru Isaija profeta, fejn jissemmew iz-zopop, il-lebbrużi, t-torox, il-mejtin, u lill-fqar tixxandrilhom "il-bxara t-tajba" (Lq 7,22). Kien hemm anke min skandalizza ruħu quddiem dan kollu.

Għalkemm il-ħniena ta' Ġesù lejn il-morda u l-bżonnjużi ma tissemmiex, imma fil-fatt din tidher fil-fejqan ta' ħafna kwalitajiet ta' morda. B'ton ta' mħabba Ġesù jsejjaħ binti lil mara bit-tnixxija tad-demm (Lq 8,42-48); illi kollha rogħda u biża' stqarret pubblikament li kienet hi li messet tarf il-libsa tiegħu. Lill-kap tas-sinagoga Ġajru, fil-waqt li oħrajn daħku bih għaliex Ġesù indika li t-tifla mhix mejta imma rieqda, Ġesù nissel fih fiduċja u kuraġġ (8,49-56). L-istess ħaġa ġrat f'dak il-missier li ibnu kien ibati b'tal-qamar (Lq 9,37-43). L-għama ta' Ġeriko wara li talab ħniena lil Ġesù mhux biss inħeles mill-għama li kellu, imma ġie milqugħ bħala dixxiplu u mexa tassew wara Ġesù (Lq 18,35-43). Dan ir-raġel, li b'vuċi għolja sejjaħ lil Ġesù "Bin David", il-fidi tiegħu saret it-tip ta' dak li jrid jimxi wara Ġesù sa Ġerusalemm, mela sal-mewt.

Dawn ir-rakkonti nġabru mit-tradizzjoni sinottika, biex imbagħad ġew modifikati minn Luqa. Ma dawn Luqa żied il-fejqan ta' mara mifluġa (Lq 13,10-17), dak tar-raġel marid bl-ilma (Lq 14,1-6). Dawn Luqa jiktibhom ukoll għaliex saru f'jum is-Sibt u fl-istess ħin b'difiża għalih stess. "Kif qal hekk, kull min kien kontra tiegħu regħex bil-mistħija; iżda n-nies ilkoll ferħu għal dawk l-għeġubijiet kollha li kien qiegħed jagħmel" (Lq 13,17). Għalhekk wieħed ma għandu qatt jiddubita li Luqa kien jaf sew li Ġesù huwa sinjur ukoll tas-Sibt. Luqa seta elebora ħafna l-bosta fejqan, u dan għamlu biex iwassal il-kerigma tiegħu: imma għal Luqa l-persuna ta' Ġesù li fejjaq tant kwalitajiet ta' mard hija waħda tassew importanti u dominanti daqskemm ċentrali.

Bħala għan tal-ħidma ta' Ġesù li jfejjaq il-morda u jxandrilhom is-saltna t'Alla, Luqa juri ħniena ma' dawn imnikkta u soċjalment imwarrba (lq 4,18; 7,21). Fil-mirakli li għamel Ġesù, toħroġ fid-dieher (beraħ) il-figura straordinarja ta' Ġesù, u li f'dawn is-sinjali huwa dejjem wassal ix-xeħta eskatoloġika. Ma nistgħux inwarrbu għal kollox ċerti ġesti kull tant donnhom jidhru strambi li kien jagħmel Ġesù waqt il-mirakli, eżempju it-tqegħid tal-idejn, il-mess, il-bżieq, iż-żejt; imma l-element deċisiv huwa dejjem il-kelma qawwija ta' Ġesù, illi tqanqal il-qawwa t'Alla u tfejjaq il-morda. Ġesù amar lid-demonju li kien jgħakkes lil wieħed marid: "Iskot u oħroġ minnu" (Lq 4,35). Ġesù ħeles l-imxajtan ta' Ġerasa maħkum minn ħafna demonji. Ġesù wkoll jibgħat id-dar bniedem li fejqu u jgħidlu: "Erġa' lura lejn id-dar u għarraf kull ma għamel Alla miegħek" (Lq 8,39).

## Ġesù jibgħat

Naraw il Ġesù jibgħat it-tnax u jagħtihom is-setgħa u l-awtorità li jkeċċu x-xjaten u jfejjqu l-morda (Lq 9,1). Din is-setgħa tal-fejqan mogħtija minn Ġesù, kellha twassal il-ġrajja tan-nobbiltà t'Alla (Lq 9,2.6). Għal Luqa din il-ġrajja tkompli titwessa meta issa Ġesù jibgħat tnejn u sebgħin dixxplu oħra (Lq 10,1). Hawn mela jidher sinjal ċar sew taż-żmien ta' qabel il-kristjaneżmu. Hekk terġa' tidħol fix-xena l-idea tal-profeti itineranti li bil-kelma mħeġġa u bl-eżempju qawwi tagħhom waslu l-Kelma t'Alla fost il-bnedmin.

Wara l-qawmien dan l-impenn kariżmatiku,



*Ġesù jibgħat it-tnax u jagħtihom is-setgħa u l-awtorità li jkeċċu x-xjaten u jfejjqu l-morda*

imwieżen minn qawwa oħra kompla jiżviluppa mill-ġdid. Dan kien sar moviment kollu kemm hu kbir u ġdid li fil-għamla tiegħu kien ħa diversi xejriet. Sa mill-bidu nett dehret għaqda sħiħa bejn il-predikazzjoni u l-fejqan tal-morda. Dawk li ġew mibgħutin kellhom ifejqu l-morda u jxandru lin-nies li "is-saltna t'Alla waslitilkom" (Lq 10,9). Għal dawk imbagħad li ma jaċċettawx il-predikazzjoni tas-saltna t'Alla, din issir għalihom verdett kontrihom stess "Jekk ma jilqgħukomx, oħorġu minn dik il-belt u farfru sa t-trab tagħha minn ma' riġlejkom bħala xhieda kontrihom" (Lq 9,5) Ara wkoll Lq 10,10.

Fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu, l-fejqan fil-komunità primitiva kompla jsir. Matul dan iż-żmien tal-Ispirtu il-qawwa tawmaturga ta' Ġesù kompliet toħroġ fid-dieher u dan bħala konferma tal-predikazzjoni missjonarja. Il-bosta fejqan li saru f'isem Ġesù Kristu (Atti 3,6; 4,30), kif ukoll bil-qawwa tal-Ispirtu qaddis (Lq 8,18; 9,17) huma sinjali li Ġesù huwa l-qaddej t'Alla u li qiegħed fil-komunità biex jinkoraġġiha u jsaħħaħha (Lq 4,30). Għalhekk kollox flimkien kompla juri dik il-konvinzjoni li fil-Knisja tal-bidu l-fejqan juri l-qawwa u s-setgħa li jidhru fit-tħabbira tas-salvazzjoni. Din il-kerigma għalhekk ħadet dak it-timbru li hija reliġon ta' fejqan, mediċina tar-ruħ u tal-ġisem, u li bħala għan kellha wkoll il-fejqan fil-ġisem tal-marid. Dan kien jinħass bħala wieħed mill-akbar doveri tagħha. U kien proprju dan is-sinjal tal-fejqan, li jagħżel din ir-reliġjon ġdida mir-reliġjonijiet l-oħra. Dan kien ifisser ukoll li dan it-twemmin għandu ħafna, anzi ġej mid-divin.

Ta' interess partikulari huwa l-fatt kif fl-evanġelju toħroġ ħafna fid-dieher il-professjonalità ta' Luqa lejn il-mediċina. Dan jidher waħda sew għaliex huwa jikteb diversi espressjonijiet marbutin sfiq mal-mard. Hekk fil-każ ta' omm il-mara ta' Xmun Pietru, Luqa jikteb li din kellha "deni qawwi" (Lq 4,38). Fil-każ tar-raġel Lebbruż Luqa josserva li dan ir-raġel kien "marid sewwa bil-lebbra" (Lq 5,12). Għal dak il-mifluġ, Luqa jgħid li kien "mifluġ fuq mitraħ" (Lq 5,18). Għal mara bit-tnixxija tad-demm, Luqa iżid li kien ilha tnax-il sena, li ħliet ġidha kollu fit-tobba, u ħadd minnhom ma kellu ħila jfejjaqha" (Lq 8,43). Mark imbagħad ikompli jżid li marret għall-agħar (5,26). Hemm ukoll il-każ ta' missier Publiju, Luqa jidħol fid-dettal u jgħid li dan kien ibati bid-deni u bid-disenterija (Atti 28,8). Għalkemm dan kollu li ktibna dwaru huwa veru però għal Luqa l-veru tabib huwa biss Ġesù, li jfejjaq il-morda kollha u dan bil-qawwa mogħtija lilu minn Alla. Wara l-ġrajja tal-Għid imbagħad il-Knisja li bdiet tikber kompliet tħaddem ukoll din il-qawwa ta' fejqan li kien jagħmel parti mis-siġil tad-divinità.



# Il-Konverżjoni ta' San Pawl

## Knisja Parrokkjali Ħal Safi

*Dun Pawl Sciberras*

### Meta jien dgħajjef, hemm inkun qawwi

Il-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi huwa kopja tas-sena 1693 minn Alessio Erardi tat-Titular tal-Konverżjoni ta' San Pawl, impitter minn Mattia Preti, li jinsab fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fil-Belt Valletta. L-oriġinal ta' Preti huwa kompożizzjoni drammatika



1\.

2\.

fl-era Barokka f'Malta. Il-kompożizzjoni tal-kwadru ta' Ħal Safi għandu forma djagonali: mil-lemin fin-naħa ta' fuq nieżel b'imponenza Kristu Rxoxt (1), b'idu l-leminija jipponta lejn Sawl, mitfugħ fl-art fuq ix-xellug, in-naħa ta' isfel fil-pittura (2). Il-ġest bl-id il-leminija lejn Sawl fuq ix-xellug jerfgħalna ħsiebna lejn il-glorja li jgawdi wara l-qawmien Kristu Ġesù, kif imnebbha minn David, is-Salmista u Profeta, fis-Salm 110,1: "Oqgħod fuq leminti, sa ma nqiegħed l-għedewwa tiegħek mirfes taħt riġlejk" u fl-Ittra lil-Lhud, l-Ittra dwar is-Saċerdozju etern tal-Qassis il-Kbir, Kristu Ġesù: "Inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla … Din hi issa l-aqwa ħaġa li rridu ngħidu: li aħna għandna qassis hekk kbir li qagħad fuq il-lemin tat-tron tal-kobor ta' Alla fis-sema" (12,2; 8,1). Fl-istess waqt, il-forma djagonali tagħti dimensjoni universalistika lill-azzjoni rebbieħa ta' Kristu Rxoxt: mil-Lvant għall-Punent tingħata lilu glorja, saħansitra mill-għedewwa tiegħu, għax "Dan jgħid il-Mulej ta' l-eżerċti: "Ara, jiena nsalva l-poplu tiegħi mil-lvant u mill-punent"" (Żak 8,7).



## Ix-xena fl-Art

Il-chiaroscuro, prevalenti fit-teknika tal-kwadru, jkompli jżid id-drammatiċità tal-ġrajja (3). "Inti tixgħel, Mulej, il-musbieħ tiegħi; Alla tiegħi jdawwal id-dlam tiegħi" (Salm 18,29). "Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi" (Salm 119,105)
Il-figuri jħarsu lejn min jikkontempla l-kwadru jew lejn Sawl.
Id-dehra ta' Pawlu bl-armatura sħiħa ta' suldat tagħtih qawwa tagħtih setgħa, għalkemm mixħut fl-art, bla saħħa. Il-figuri ta' Kristu wieqaf rebbieħ u t-telqa kuntrastanti ta' Pawlu jwassluna għal dak li Pawlu tant jisħaq fuqu fil-konflitti li sikwit kien ikollu fil-missjoni tiegħu. Dawk li ħaduha kontrih kienu jsejsu l-awtorità tagħhom fuq

dak li kellhom biex jiftaħru bih, saħansitra rivelazzjonijiet estatiċi: "Jekk ħafna jiftaħru ta' bnedmin, ħa niftaħar jien" (2Kor 11,18; ara 2Kor 12,1). Pawlu kien jaf li hu għandu ħaġa waħda biss biex jiftaħar: id-dgħjufijiet tiegħu. Fil-kwadru Erardi esprima din l-idea fid-dirgħajn miftuħa u bl-armi ta' Pawlu mixħutin fl-art, għelm tad-dgħjufija ta' l-armi tad-dinja (4) : "Jekk għandi niftaħar, niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija" (2Kor 11,30 ; 12,5). Meta mbagħad wera fejn tassew qegħda s-saħħa u l-qawwa tiegħu, Alla nnifsu wieġbu: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef." "Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbulizzi tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija (2Kor 12,9). Għajnejh magħluqa, jidher li tilef id-dawl, u għandu bżonn jiġi megħjun iqum mill-art mill-qaddejja assistenti tiegħu: "L-għerf idawwal wiċċ il-bniedem u jneħħilu ebusitu" (Koħ 8,1); "jerfgħek fl-ispirtu u jdawwallek għajnejk, jagħtik il-fejqan, il-ħajja, u l-barka" (Bin Sira 34,17).
San Pawl jirrakkonta r-rivelazzjoni tiegħu fit-Triq ta' Damasku b'elementi u f'kuntest ta' dawl: "Hekk, bis-setgħa u l-permess tal-qassisin il-kbar, tlaqt lejn Damasku. Jien u sejjer, f'nofsinhar, rajt dawl, aqwa mid-dija tax-xemx, ġej mis-sema u idda madwari u madwar dawk li kienu fit-triq miegħi. Waqajna lkoll fl-art, u jien smajt leħen jgħidli bl-ilsien Lhudi, 'Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani? Iebsa għalik li teħodha kontra n-niggieża!'" (Atti 26,12-14). Taha ħsieb iktar minn darba din tad-dawl Pawlu (5). Jiktbilhom hekk aktar tard lill-Korinitin: "Dan Alla li qal: 'Ħa jiddi d-dawl mid-dlam', dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta' l-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu" (2Kor 4,6). Alla ħallieq ta' kollox, li ħalaq kull dawl wera lilu nnifsu lil Pawlu b'dawl ferm iktar qawwi, tant li l-Appostlu tal-Ġnus jgħaqqad il-ħidmiet kollha ta' ħolqien fit-Testment il-Qadim ma' dak li ġara lilu fit-Triq ta' Damasku. Id-dawl għammiexi li idda madwaru kienet il-glorja ta' Kristu nnifsu li ħdejn dawlu kollox jidher imċajpar, imtappan u diefi. (6) L-armi huma mixħutin fl-art; dirgħajh miftuħa, jilqa' s-sejħa li qiegħed jagħmillu l-Irxoxt rebbieħ. Iktar tard, lill-Komunità ta' Korintu kellu jgħidilha: "Tassew li aħna ngħixu fid-dinja, imma ma nissarawx bl-armi tad-dinja; l-armi tagħna għall-ġlied m'humiex tad-dinja; iżda għandhom il-qawwa ta' Alla biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament" (2Kor 10,3-4). Is-salib sar l-arma tiegħu: "Jekk il-ministeru tal-kundanna (tas-salib) kien imdawwal bil-glorja, kemm aktar jiddi bil-glorja l-ministeru tal-ġustifikazzjoni!" (2Kor 3,9). Lix-xrik miegħu fl-evanġelizzazzjoni, Timotju, Pawlu jurih li "dehret issa permezz tad-dehra tas-Salvatur tagħna Kristu Ġesù li qered il-mewt, u dawwal il-ħajja bla


3.


4.

5




6.



7.

8

tmiem permezz ta' l-Evanġelju (2Tim 1,10). Pawlu ra b'għajnejh kemm il-qawwa tiegħu ma kinitx minnu nnifsu imma mill-qawwa li jagħtih il-Mulej Ġesù. Din l-esperjenza kuntrastanti bejn l-armi tad-dinja u l-qawwa tad-dgħjufija tas-salib kienet l-ankra li biha seta' jistieden u jħeġġeġ lil Timotju: "Bati inti wkoll miegħi bħala suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù" (2Tim 2,3). Quddiem il-figura tiegħu, mitluq ma' l-art, lil Pawlu nistaqsuh: "Minn fejn u kif ġie dan l-Għid tiegħek mill-mewt għall-ħajja, mid-dlam għad-dawl, minn bniedem li ma jafx lil Kristu u persekutur aħrax għal appostlu mħeġġeġ tiegħu? Minn fejn, Pawlu?".

(7) Jgħid li kienet rivelazzjoni aktar milli konverżjoni! Jgħid li kollox ingħata lilu b'don, b'rigal, bi grazzja, b'xejn. Ma kinux l-isforzi tiegħu, ir-riflessjoni tiegħu, talb twil u kumplikat jew sawm iebes li wasslu jagħraf lil Kristu Ġesù. Kollox ingħatalu bi grazzja, biex hu, imbagħad, ikun sinjal lill-ġnus kollha tal-ħniena ta' Alla, li l-inizjattivi tiegħu dejjem jgħaddu qabel it-tfittxija tagħna għalih. Din l-ewwel tweġiba għall-kif tal-konverżjoni: bi grazzja, għax hekk għoġbu l-Mulej Alla! Kull għarfien ta' Kristu Ġesù kien mogħti lilu: it-tieni tweġiba. Il-konverżjoni tiegħu jitkellem fuqha bħala viżjoni, bħala dehra: "Ma rajtx lil Sidna Ġesù?" (1Kor 9,1) u "Fl-aħħar deher lili wkoll wara kulħadd" (1Kor 15,8). Il-persekutur isir appostlu u xandâr ta' Dak li dehrlu ħaj! (8) Għal Pawlu Kristu issa sar ifisser Dak ir-rivelatur ta' l-inizjattiva u l-ħniena divina murija lilu. Kristu Ġesù huwa l-imkien ħaj fejn jiltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' Alla.

Kienet rivelazzjoni providenzjali, sejħa li Pawlu nnifsu jqegħedha fi ħdan l-istess Testment il-Qadim, li fih kien tant imħarreġ. Lill-Galatin jiktbilhom: "Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus" (Gal 1,15-16). Pawlu ma jqisx li l-oġġett tar-rivelazzjoni ta' Damasku kienet hu, imma kien Alla nnifsu. Il-piż kollu ta' dik l-esperjenza li bidlitu mill-qiegħ kien fuq kollox Alla; kien hu, Alla, u mhux Pawlu, l-awtur tal-konverżjoni.





# IL-MISTERJU TAT-TRINITA' QADDISA (5)

*P. Gwido Schembri ofm*

## F'San Ġwann

San Ġwann jitkellem ċar fuq il-karattru personali ta' Kristu u ma nifhimx kif min iqis il-kitba tiegħu bħala ispirata u parti mill-Bibbja ma jammittix id-divinità ta' Kristu.
Kristu huwa l-Kelma (Logos=rivelazzjoni) li kien qabel kull żmien fi ħdan il-Missier; il-kelma



*San Ġwann*

griega “arkè” għandha tittieħed fis-sens ideali-traxxendentali = fl-eternità, kif hu Alla l-Missier. Kristu kien Alla (fl-oriġinal grieg = Theos=Alla bla artiklu ho; jiġifieri mhux biss divin, imma Alla fil-veru sens tal-kelma (Ġw 1, 1-2).
Kollox sar bi Kristu u mingħajru ma sar xejn, u fih kienet il-ħajja. Il-prologu tar-raba' evanġelju (Ġw 1,1-18) , kif ukoll l-ewwel ittra ta' Ġwanni (1,1-3.14) u l-Apokalissi (1,16) jgħallmu ċar il-persuna divina ta' Kristu li tingħata titli divini. Hu l-Alfa u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem .

Min jara l-għemil ta' Kristu għandu jemmen li hu persuna distinta mill-Missier u li hu Alla; hekk fehmu tajjeb il-Lhud li riedu joqtluh (Ġw 10, 37-39). L-appostlu Tumas, meta ra lil Ġesù Rxoxt, qallu: Mulej tiegħi, u Alla tiegħi. U Ġesù qallu: Emmint għax rajtni? Imberkin dawk li ma rawx u emmnu (Ġw 20,28-29).
Is-seba' mirakli li hemm fir-raba' evanġelju kollha nkitbu bil-għan li juru l-persuna divina ta' Kristu. Min jaqrahom tajjeb u jkollu rieda tajba ma jistax ma jemminx li Kristu hu persuna distinta minn dik tal-Missier u li hu Alla.

## Il-Persuna ta' l-Ispirtu s-Santu

### Fis-Sinottiċi u fl-Atti ta' l-Appostli

Rigward il-Perusna ta' l-Ispirtu s-Santu distinta mill-Missier u mill-Iben insibu ħafna testi fis-Sinottiċi; per eżempju
a) Il-Battista qal lil dawk li marru jitgħammdu minnu li warajh kellu jiġi wieħed (Ġesù) li jgħammed “bl-Ispirtu s-Santu u n-nar” (Mt 3,11; u paral.).
b) Ġesù qal: Kull min jgħid xi kelma kontra Bin il-bniedem tinħafirlu, iżda min jitkellem kontra l-Ispirtu s-Santu ma jiksibx maħfra, la f'din id-dinja u lanqas f'dik li ġejja (Mt 12,32; paral.).
ċ) Fil-formula tal-magħmudija li hemm f'Mattew 28,19 il-persuna ta' l-Ispirtu s-Santu tiddistingwi ruħha minn dik tal-Missier u ta' l-Iben pernezz tal-konjugazzjoni “u” b'mod l-iktar ċar.

d) Dlonk qabel it-Tlugħ fis-sema Ġesù wiegħed li jibgħat "Dak li wiegħed Missieri" (l-Ispirtu s-Santu) lill-appostli bħala persuna (Lq 28,49; ara Atti 1,8).
Il-ktieb ta' l-Atti hu mimli testi li jippruvaw li hu Persuna distinta minn dik tal-Missier u ta' l-Iben. Hawn taħt wieħed isib ftit testi fost ħafna li jitkellmu fuq it-tielet persuna:
a) Nhar l-Għid il-Ħamsin id-dixxipli mtlew bl-Ispirtu s-Santu li niżel fuqhom u hemm kellha bidu l-missjoni tal-Knisja (Atti 2,1-5).
b) Il-Knisja bdiet tinxtered mad-dinja meta l-Ispirtu s-Santu għażel lil Pawlu u Barnaba (Atti 13,2ss.).
c) Kien l-Ispirtu s-Santu li ħabbar lil San Pawl it-tbatija tal-ħabs li kellu jgħaddi minnha għall-imħabba ta' Kristu (Atti 20,22ss.)
Fl-Atti l-Ispirtu s-Santu jidher bħala rigal ta' Alla, bħala qawwa ta' Alla u bħala prinċipju ta' qdusija. Hu jaħdem f'dawk li jemmnu, imexxi l-Knisja u jispira l-Kelma ta' Alla li hi l-Bibbja.

## L-Ispirtu s-Santu fl-kitba ta' San Pawt

San Pawl għallem li Kristu jibgħat l-Ispirtu s-Santu lil dawk li jemmnu fih, u fihom isir bidu ta' ħajja ġdida, għax Kristu hu l-ewwel wieħed fost ħafna aħwa, u dak li għandu fih il-milja ta' l-Ispirtu d-Santu li jgħaddi l-istess milja lil dawk li miegħu huma magħqudin permezz tal-magħmudija. Mingħajr l-Ispirtu s-Santu mgħoddi lill-bniedem m'hemmx ħlief dnub u dgħufija; waqt li l-bniedem mimli bl-Ispirtu s-Santu jingħaqad mal-Mulej fi spirtu wieħed.(Rum 7,6; 8,4; 1 Kor 6,17; 2 Kor 12-18; Gal 5,16-25).
Li l-Ispirtu s-Santu hu persuna jidher mill-fatt li hu jgħammar fina (Rum 8,9-11; 1 Kor 3,16; 2 Tim 1,14), kif Kristu jgħammar fina (Rum 8,10-16; 2 Kor 3,5; Efes 3,17). Hu persuna għax aħna nkunu ġġustifikati fih (1 Kor 6,11), u fih issiġillati (Efes 2,22).
Meta wieħed jistudja profondament it-testi kollha dwar l-Ispirtu s-Santu, jasal għall-konklużjoni li li hemm għaqda intima bejnu u bejn il-Missier u l-Iben. Għalhekk l-Ispirtu s-Santu hu fl-istess waqt għotja u persuna fit-Trinità qaddisa. Kultant jidher qisu għotja impersonali, imma għandna nifhmuh dejjem bħala persuna, speċjalment fit-2 Korintin 3,17.

## L-Ispirtu s-Santu f'San Ġwann

Il-persuna ta' l-Ispirtu s-Santu distinta minn dik tal-Missir u ta' l-Iben tidher b'mod ċar fid-diskors twil ta' Kristu fl-aħħar ċena, f'dawn it-testi magħżulin li se nikkwotaw:
a) "Jekk tħobbuni , ħarsu l-kmandamenti tiegħi.
Jien nitlob lill-Mssier, u hu jagħtikom Protettur ieħor (Paracletos=wieħed li jieqaf magħkom), biex ikun dejjem magħkom, l-Ispirtu tal-verità, dak li d-dinja ma tistax tilqa',



għax la tarah u lanqas tagħrfu, għax jibqa' magħkom u jkun fikom (Ġw 14,15-17).
b) Ġesù wieġeb lil Ġuda mhux l-Iskarjota: "Min iħobbni jħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu, u ngħammru għandu. Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. Kelmti li smajtu m'hiex tiegħi, imma ta' min bagħatni, il-Missier. Għidtilkom dan meta kont magħkom. Imma l-Protettur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom kull ma għidtilkom (Ġw 14,23-26).
ċ) "Meta jiġi l-Protettur li jiena nibgħat mill-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier, hu jixhed

għalija. U intom ukoll tagħtu xhieda għalija, għax kontu miegħi mill-bidu" (Ġw 15,26s.).

d) Ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur, għax jekk ma mmurx, il-Protettur ma jiġix għandkom; imma jekk immur nibgħatulkom... Baqagħli bosta ħwejjeġ x'ngħidilkom, iżda issa ma taslux terfgħuhom. Meta jiġi l-Ispirtu tal-verità, imexxikom lejn il-verità kollha, għax hu ma jitkellimx minn rajh, imma jgħid dak kollu li jkun sema', u jħabbrilkom dak li għandu jiġri. Hu jigglorifikani, għax jieħu minn dak li hu tiegħi, u jgħarrafulkom. Kull ma għandu l-Missier hu tiegħi; għalhekk għidt li jieħu minn tiegħi u jgħarrafulkom." (Ġw 16,7-15)

San Ġwan jitkellem kemm-il darba fuq il-persuna ta' l-Ispirtu s-Santu, imma dawn l-erba' testi li kkwotajna huma iktar minn biżżejjed biex jaffermaw in-natura fi tliet persuni distinti fit-Trinità qaddisa. Min jibqa' jinnega li l-Ispirtu s-Santu m'huwiex persuna, imma hu biss qawwa jew xi ħaġ'oħra ġejja minn Alla, ikun qed jonqos mis-serjetà u juri l-injoranza tiegħu tal-lingwa ġriega li biha kiteb Ġwanni. Fil-grieg ta' dawn l-erba' testi hawn fuq ikkwotati, meta jissemma l-Ispirtu (bil-grieg "pneuma" fin-newtru) Ġwanni juża l-pronom li jirriferi għalih (ekeinos fil-maskil) li grammatikalment huwa żball, imma Ġwanni jagħmel hekk biex jgħaqqad il-pronom ma' Parakletos (li hu maskil) hu b'hekk jindika li l-Ispirtu s-Santu hu persuna u m'hux sempliċi qawwa, jew pneuma. Din ir-riflessjoni għamilha, fost eseġeti kbar it-teologu Ġermaniż M. Schmaus.

## GĦELUQ

It-Trinità hi u tibqa' misterju kbir u għalhekk hu diffiċli titkellam fuqha; b'dan kollu hi ħaġa tajba li nfittxu niċċaraw xi ftit dak li nemmnu. Hawn ippruvajt inkun ċar u konċiż u noqgħod attent fil-kliem li nuża billi kienu ħafna l-għorrief Griegi u Latini li waqgħu fl-ereżija minħabba l-kliem li nqdew bih biex jiċċaraw dan il-misterju. Fi ħdan l-artiklu wegħidt li nuri l-għaliex xi wħud ma jemmnux f'Alla li fin-natura waħda tiegħu hemm tliet persuni ndaqs fil-kobor. Ir-raġunijiet ewlenija huma: Min ma jemminx fil-bibbja u fl-awtorità tal-Knisja li tispjega l-Bibbja ma jasalx jifhem dan il-misterju. Il-Knisja tagħti t-tifsir tagħha wara talb kbir u studju serju minn kolossi tal-għerf, bħal ma kienu Santu Wistin, San Ġrolmu, San Ġwann Kriżostmu u tant oħrajn li kienu nies serji fil-qdusija u fl-għerf, biex ma nsemmux l-għajnuna speċjali mogħtija lilha minn Alla. Dawk li ma jaqblux ma' dak li tgħid il-Knisja xi drabi ssibhom nies neqsin mit-tagħlim serju teoloġiku u lingwistiku li hu meħtieġ għat-tifsir tal-bibbja. Ikunu nies priżuntużi neqsin mill-umiltà intelletwali, u tassew ta' min jitħassarhom.

Inġibu xi eżempju dwar dak li għidna. Dawn il-psewdo-għorrief li semmejna jġibu xi testi mill-Bibbja li m'mhumiex kapaċi jifhmu. Jgħidulek li Kristu m'huwiex Alla għax fl-evanġelju ta' San Ġwann hemm li Ġesù stess qal: "il-Missier hu ikbar minni" (Ġw 14,28). Veru li qal hekk, imma x'ried jgħid? Il-Missier hu ikbar minn Ġesù bħala "principium quo" fis-sens ontoloġiku għax Ġesù, li hu l-Kelma jew l-Għerf tal-Missier "tnissel" mill-Missier. Fina l-bnedmin kull kelma tibda mill-moħħ u mhux mix-xejn, hekk ukoll l-għerf jinsab fil-moħħ. Fina l-bnedmin il-kelma tibda wara li jeżisti l-moħħ, għax hemm il-bidu u tmiem ta' kollox. Iżda f'Alla n-natura tiegħu hija bil-wisq ikbar min-natura tagħna l-bnedmin, għax m'għandhiex bidu u tmiem, imma hi eterna bla bidu u tmiem. Għalhekk il-Kelma tnisslet fil-Missier fl-eternità bla bidu imma bħala "principium quo" = bidu ontoloġiku mhux fis-sens ta' bidu temporali.



Inġibu eżempju ieħor. Jgħidu li San Pawl fl-ittra lill-Kolossin kiteb: Kristu "hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha, għax kollox kien maħluq permezz tiegħu" (Kol 1,15s.). Jgħidulek: "La hu l-ewwel fost il-ħlejjaq, mela hu kreatura." u l-Knisja tgħidilhom lil dawn in-nies: "Aqraw t-test kollu u tkunu tafu li żbaljajtu. It-test jibda jgħid li hu "figura. jew ritratt" ta' Alla, kif hemm fl-oriġinal grieg; hemm "eikon" li hi wisq iktar minn xbieha. Aħna l-bnedmin aħna xbieha ta' Alla, imma min jara lilek u lili, jara biss xbieha ta' Alla, iżda ma jarax fina r-ritratt ta' Alla. U San Pawl jgħid li Kristu huwa l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha b'riferenza għall-ġisem tiegħu li tlaħħam fostna "fil-milja taż-żmien". San Pawl kien ġenju u mhux bla moħħ, u ma kienx sejjer jikkontradixxi lilu nnifsu, għax lil Kristu sejjaħlu kemm-il darba "Kyrios" (Mulej), titlu li fil-bibbja jingħata lil Alla. It-test li jikkwotaw l-għorrief li semmejna, ikompli jgħid li "kollox ġie maħluq fih (fil-grieg "en" fis-sens ta' "dia" kawżali = permezz tiegħu, kif hemm fi Ġwanni 1,3); mela ladarba hu hekk, Kristu hu qabel kollox, mhux biss l-ewwel fost kollox. Ara wkoll l-Ittra lil-Lhud 1,2ss.).

L-aħħar riflessjoni li wieħed għandu jagħmel: Ħadd ma jista' jifhem test meta wieħed jistudjah fih innifsu biss, imma jeħtieġ jitfa' l-istess test fid-dawl tal-kontest prossimu u remot; inkella jista' jasal jifhem kollox ħażin. U l-Kelma ta' Alla, li hi l-bibbja, teħtieġ studju twil biex tifhimha tajjeb. U teħtieġ id-dawl li tagħtina Ommna l-Knisja mqaddsa, dawl li tikseb minn Alla u bl-għajnuna ta' għorrief u qaddisin kbar.

# TINSEWX
# iġġeddu l-Abbonament tagħkom fir-rivista tagħna għas-sena 2010



# L-ART IMQADDSA MAL-FRANĠISKANI 2010



*mill-31 Jannar sat-8 Frar*

KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA
8, Triq Sta. Lucija, VLT1188
T: (356) 21242254 F: (356) 21252031